32005R0428

17.3.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 71/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 428/2005
ta' l-10 ta' Marzu 2005
li jimponi dazju definittiv *anti-dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Għarabja Sawdita, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2852/2000 li jimponi d-dazju definittiv *anti-dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u li jtemm il-proċedura *anti-dumping* fir-rigward ta' tali importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1]("Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

---

1 ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri fis-seħħ

(1) F'Lulju 1999, bir-Regolament (KE) Nru 1728/1999[1], il-Kunsill impona dazji definittivi *anti-dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester ("PSF") li joriġinaw mit-Tajwan.

(2) F'Diċembru 2000, bir-Regolament (KE) Nru 2852/2000[2], il-Kunsill impona dazji definittivi *anti-dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika tal-Korea.

(3) Il-livell tad-dazji definittivi *anti-dumping* stabbiliti għall-produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea u fit-Tajwan suġġetti għall-investigazzjonijiet hawn fuq imsemmija, espress bħala perċentwali tal-valur CIF tal-fruntiera, kien kif ġej:

– *Tajwan*

–	Far Eastern Textile Ltd	6,8%
–	Nan Ya Plastics Corporation	5,9%
–	Shingkong Synthetic Fibres Co.	13,0%
–	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	13,0%

1 ĠU L 204, 4.8.1999, p. 3.
2 ĠU L 332, 28.12.2000, p. 17.

– Repubblika tal-Korea

–	Daehan Synthetic Fibre Co. Ltd.	0%
–	Huvis Corporation	4,8%
–	SK Global Co. Ltd.	4,8%
–	Sung Lim Co. Ltd.	0%
–	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	20,2%

2. Investigazzjonijiet preżenti

(4) Fid-19 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni ħabbret b'avviż ("avviż ta' bidu") ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*[1], il-bidu ta' miżura *anti-dumping* fir-rigward ta' l-importazzjoni fil-Komunità ta' fibri diskontinwi tal-poljester li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ") u mill-Għarabja Sawdita.

(5) Fl-istess jum, b'mod konformi ma' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku, il-Kummissjoni ħabbret b'avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*[2] l-bidu ta' evalwazzjoni proviżorja tad-dazji definittivi *anti-dumping* imposti bir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1728/1999 u (KE) Nru 2852/2000 dwar l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mit-Tajwan.

1 ĠU C 309, 19.12.2003, p. 6.
2 ĠU C 309, 19.12.2003, p. 2.

(6) L-investigazzjonijiet *anti-dumping* inbdew wara lment u talba ppreżentati fl-10 ta' Novembru 2003 mill-Comité International de la Rayonne et des Fibres Synthétiques ("CIRFS" jew "il-parti rimostranti") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon maġġuri, f'dan il-każ aktar minn 40%, tal-produzzjoni Komunitarja ta' PSF. L-ilment kien jinkludi evidenza ta' *dumping* ta' l-imsemmi prodott u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li kienet meqjusa suffiċjenti biex tiġġustifika l-bidu tal-miżuri.

3. Investigazzjonijiet li jirrigwardaw pajjiżi oħra u miżuri fis-seħħ

(7) Hemm miżuri definittivi *anti-dumping* attwalment fis-seħħ fuq l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw (i) mill-Awstralja, mill-Indoneżja u mit-Tajlandja imposti bir-Regolament (KE) Nru 1522/2000[1]; (ii) mill-Indja imposti bir-Regolament (KE) Nru 2852/2000; kif ukoll (iii) mill-Belarus imposti bir-Regolament (KE) 1799/2002[2].

4. Partijiet ikkonċernati bil-proċedura

(8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ, fl-Għarabja Sawdita, fil-Korea u fit-Tajwan, lill-importaturi/negozjanti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi u lill-parti rimostranti u produtturi Komunitarji oħra magħrufa dwar il-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom u biex jitolbu smigħ fit-terminu ta' żmien stipulat fl-avviżi ta' bidu.

1 ĠU L 175, 14.7.2000, p. 10.
2 ĠU L 274, 11.10.2002, p. 1.

(9) Minħabba n-numru kbir ta' produttur esportaturi Ċiniżi, Tajwaniżi u Koreani, imsemmija fl-ilment u fit-talba, u n-numru kbir ta' importaturi Komunitarji tal-prodott ikkonċernat, kien previst li jittieħdu kampjuni fiż-żewġ avviżi ta' bidu sabiex jiġu dderminati d-*dumping* u l-ħsara, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku.

(10) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u, jekk iva, li tagħżel kampjun, il-produttur esportaturi kollha fil-pajjiżi msemmija fil-premessa (9), u l-importaturi Komunitarji ntalbu jagħmlu lilhom infushom magħrufa mal-Kummissjoni u jipprovdu, kif speċifikat fl-avviżi ta' bidu, informazzjoni bażika dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sat-30 ta' Novembru 2003 ("perjodu tat-teħid tal-kampjuni").

(11) Wara eżami ta' l-informazzjoni sottomessa mill-produttur esportaturi Ċiniżi u minħabba n-numru baxx ta' risposti għall-mistoqsijiet relatati mat-teħid ta' kampjuni, ġie deċiż li ma kienx hemm bżonn ta' teħid ta' kampjuni fir-rigward tal-produttur esportaturi Ċiniżi.

(12) Fil-każ tal-Korea, disa' produttur esportaturi wieġbu għall-mistoqsijiet relatati mat-teħid ta' kampjuni. L-akbar tliet produttur esportaturi f'termini tal-kwantitajiet li jesportaw ġew magħżula fil-kampjun. Madankollu, waħda mill-kumpanniji magħżula sussegwentement irtirat il-kooperazzjoni tagħha, u għalhekk ġiet sostitwita mir-raba' l-akbar kumpannija f'termini tal-kwantità li tesporta. Il-kampjun finali kien jirrappreżenta aktar minn 80% ta' l-esportazzjonijiet irrappurtati tal-prodott ikkonċernat għall-Komunità matul il-perjodu ta' teħid tal-kampjuni u kien jikkonsisti fil-kumpanniji li ġejjin:

– Huvis Corporation

– Sung Lim Co. Ltd.

– Saehan Industries Inc.

(13) Fil-każ tat-Tajwan, ħames kumpanniji wieġbu għall-mistoqsijiet relatati mat-teħid ta' kampjuni u rrappurtaw bejgħ esportat tal-prodott ikkonċernat għall-Komunità matul il-perjodu tat-teħid tal-kampjuni. L-akbar tliet kumpanniji f'termini tal-kwantitajiet li jesportaw kienu inklużi fil-kampjun. Sussegwentement, deher, madankollu, li waħda mill-kumpanniji magħżula ma esportatx il-prodott ikkonċernat għal konsum fil-Komunità matul il-perjodu tat-teħid tal-kampjuni. Għalhekk kellha tiġi eskluża mill-kampjun. Ir-raba' l-akbar kumpannija li mbagħad ġiet mistiedna biex timla l-kwestjonarju dehret li kienet fl-istess sitwazzjoni. Kwalunkwe inklużjoni suċċessiva ta' kumpannija oħra fil-kampjun, li kienet timplika skadenza estiża biex jimtela l-kwestjonarju, kienet tipperikola t-tlestija fil-ħin ta' l-investigazzjoni f'dak l-istadju ta' l-investigazzjoni. Fi kwalunkwe każ, iż-żewġ kumpanniji li fadal li kienu responsabbli għal aktar minn 95% ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat għall-Komunità matul il-perjodu tat-teħid tal-kampjuni kienu kkunsidrati bħala rappreżentattivi. Il-kampjun għalhekk kien jikkonsisti f'dawn il-kumpanniji:

– Far Eastern Textile Ltd.

– Nan Ya Plastics Corporation

(14) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-importaturi lejn il-Komunità Ewropea, ħames kumpanniji mhux relatati mal-produtturi esportaturi ġew inizjalment magħżula għall-kampjun, fuq il-bażi tal-volum ta' importazzjonijiet tagħhom mill-pajjiżi kkonċernati. Waħda mill-kumpanniji magħżula sussegwentement tqieset li ma kinitx qed tikkoopera u ma ġietx ikkunsidrata aktar bħala parti mill-kampjun. L-erba' kumpanniji li jifdal magħżula bħala kampjun ikopru 14,6% ta' l-importazzjonijiet totali kkonċernati. Il-kampjun finali għalhekk kien jikkonsisti f'dawn il-kumpanniji:

– S.I.M.P., SpA, Italja

– Highams Group Ltd., Renju Unit

– Tob Herman Industries, N.V., Belġju

– Marubeni Europe plc Hamburg Branch, Ġermanja

(15) Il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET") jew trattament individwali ("IT") lill-produtturi esportaturi Ċiniżi magħrufa li huma kkonċernati. Talbiet għal MET, jew għal IT f'każ li l-investigazzjoni tistabbilixxi li l-produtturi esportaturi ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet għal MET, kienu riċevuti minn ħames produtturi esportaturi u żewġ kumpanniji relatati.

(16) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li huma kkonċernati u lill-kumpanniji l-oħra kollha li għamlu lilhom infushom magħrufa sa l-iskadenzi stipulati fl-avviżi ta' bidu. Ġew riċevuti risposti mingħand ħames produtturi esportaturi Ċiniżi, mingħand żewġ produtturi esportaturi mill-Għarabja Sawdita, mingħand tliet produtturi esportaturi Koreani inklużi fil-kampjun, mingħand żewġ produtturi esportaturi Tajwaniżi inklużi fil-kampjun, ħames importaturi fil-Komunità relatati ma' esportatur Sawdi, importatur fil-Komunità li jimporta l-prodott ikkonċernat mill-Korea, żewġ importaturi mhux relatati inklużi fil-kampjun, sitt produtturi ta' l-industrija Komunitarji, żewġ produtturi mhux partijiet rimostranti, żewġ fornituri ta' materja prima, għaxar utenti u produttur fil-pajjiż analogu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika ("USA").

(17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għall-iskop li jiġi stabbilit *dumping*, il-ħsara konsegwenti u l-interess tal-Komunità. Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpanniji li ġejjin:

(a) Produtturi ta' l-industrija tal-Komunità

– Catalana de Polimers, S.A, Spanja

– Dupont Sabanci Polyester GmbH, Ġermanja

– Industrias Químicas Textiles, S.A., Spanja

– Tergal Fibres, S.A., Franza

– Trevira GmbH, Ġermanja

– Wellman International Limited, Irlanda

(b) Produtturi mhux partijiet rimostranti

– Freudenberg Politex, S.r.l., Italja.

– Realplastic, S.r.l., Italja

(ċ) Produttur esportaturi fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

– AnShun Pettechs Group:

  – Hangzhou AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd

  – Deqing AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd

  – Kunshan AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd

– Cixi Jiangnan Chemical Fiber Co. Ltd.

– Far Eastern Industries (Shanghai) Ltd.

– Jiangyin Changlong Chemical Fibre Co. Ltd.

– Xiake Color Spinning Co., Ltd.

(d) Produttur esportaturi fl-Għarabja Sawdita

– National Polyester Fibers Factory

– Saudi Basic Industries Corporation (Sabic), u l-produttur relatat Arabian Industrial Fibres Company (Ibn Rushd)

(e) Produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea

– Huvis Corporation, Seoul

– Saehan Industries Inc., Seoul

– Sung Lim Co., Ltd., Kumi-si

(f) Produtturi esportaturi fit-Tajwan

– Nan Ya Plastics Corporation, Tajpej

– Far Eastern Textile Ltd., Tajpej

(g) Importaturi relatati

– Sabic Global Ltd, Olanda

(h) Importatur li jimporta l-prodott ikkonċernat mill-Korea

– Saehan Industries Deutschland (Eschborn, Ġermanja)

(i) Importaturi mhux relatati

– S.I.M.P. SpA, Italja

– Highams Group Ltd., Renju Unit

– Tob Herman Industries, N.V., Belġju

– Marubeni Europe plc Hamburg Branch, Ġermanja

(18) Minħabba l-bżonn li jiġi stabbilit valur normali għal produtturi esportaturi fir-RPĊ li għalihom jista' ma jingħatax MET, saret żjara ta' verifika fil-bini tal-kumpannija segwenti biex jiġi stabbilit valur normali fuq il-bażi ta' informazzjoni minn pajjiż analogu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika:

– Wellman Inc., l-Istati Uniti ta' l-Amerika

5. Perjodu ta' investigazzjoni

(19) L-investigazzjoni tad-*dumping* u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003 ("perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tax-xejriet fil-kuntest ta' l-analiżi tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2000 sat-tmiem tal-PI ("perjodu eżaminat").

6. Żvelar tal-fatti

(20) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat:

(i) l-impożizzjoni ta' dazji definittivi *anti-dumping* fuq l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw mir-RPĊ u mill-Għarabja Sawdita;

(ii) it-tmiem tal-proċediment kontra l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw mit-Tajwan;

(iii) li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 2852/2000 li jimponi miżuri definittivi fuq l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika tal-Korea.

Skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, il-partijiet ingħataw perjodu li fih setgħu jagħmlu sottomissjonijiet sussegwenti għal din l-informazzjoni żvelata.

(21) Il-kummenti verbali u bil-miktub sottomessi mill-partijiet ġew ikkunsidrati u, fejn xieraq, l-konklużjonijiet definittivi ġew modifikati kif meħtieġ.

B. PRODOTT RELATTIV U PRODOTTI SIMILI

1. Prodott relattiv

(22) Id-definizzjoni tal-prodott relattiv tikkorrispondi għal dik użata fl-investigazzjonijiet imsemmija taħt il-premessi (1) u (2).

(23) Il-prodott relattiv huwa fibri diskontinwi sintetiċi tal-poljester, mhux imqardxa, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor għall-għażil u li attwalment huwa kklassifikabbli taħt il-kodiċi NM 5503 20 00. Ġeneralment issir referenza għalih bħala fibri diskontinwi tal-poljester.

(24) Il-prodott huwa materjal bażiku użat f'diversi fażijiet tal-proċess tal-manifattura ta' prodotti tessili. Il-konsum Komunitarju ta' PSF jintuża jew għall-għażil, jiġifieri manifattura ta' filamenti għall-produzzjoni ta' tessuti, imħallat ma' fibri oħra bħall-qoton u s-suf jew għal applikazzjonijiet ta' l-insiġ bħal mili, jiġifieri ppakkjar jew ikkuttunar ta' ċerti prodotti tessili bħal kuxxini, siġġijiet tal-karrozzi u ġkieket.

(25) Il-prodott jinbiegħ f'tipi differenti ta' prodotti li jistgħu jiġu identifikati permezz ta' speċifikazzjonijiet differenti bħall-piż, it-tenaċità, it-tleqqija u t-trattament bis-silikon jew permezz tal-klassifikazzjoni tagħhom f'familji tal-prodott bħalma huma l-fibri tondi, moħwija, bi-komponenti u speċjalitajiet bħalma huma l-fibri kkuluriti u trilobali. Minn perspettiva ta' produzzjoni, wieħed jista' jiddistingwi bejn PSF verġni, magħmula minn materja prima verġni, u PSF riġenerati, magħmula minn poljester riċiklat. Fl-aħħarnett, il-kwalità tista' tkun *substandard* jew ta' l-aqwa grad.

(26) L-investigazzjoni wriet li t-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat kif definit fil-premessa (23), minkejja d-differenzi f'varjetà ta' fatturi kif definiti fil-premessa preċedenti, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u jintużaw għall-istess għanijiet. Għalhekk, u għall-iskop tal-proċedura *anti-dumping* preżenti, it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat huma kkunsidrati bħala prodott wieħed.

2. Prodott simili

(27) Il-PSF impurtati mill-pajjiżi esportaturi li qed jiġu kkunsidrati u mibjugħa domestikament f'dawn il-pajjiżi, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu (USA) kif ukoll dak manifatturat u mibjugħ fil-Komunità mill-industrija tal-Komunità nstab li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi. Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati li huma simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Bażiku.

C. *DUMPING*

1. Metodoloġija ġenerali

(28) Il-metodoloġija ġenerali deskritta minn hawn 'il quddiem ġiet applikata għall-produtturi esportaturi kollha fir-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan, l-Għarabja Sawdita u sa fejn huwa possibbli għar-RPĊ. Il-preżentazzjoni suċċessiva tal-konklużjonijiet dwar id-*dumping* għall-pajjiżi kkonċernati għalhekk tiddeskrivi biss kwistjonijiet speċifiċi għal kull pajjiż eportatur.

2. Valur normali

(29) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku, għal kull produttur esportatur li kkoopera, l-ewwel ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tiegħu ta' PSF kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' tali bejgħ kienx jirrappreżenta mill-anqas 5% tal-volum tal-bejgħ totali esportat tal-produttur għall-Komunità.

(30) Il-Kummissjoni suċċessivament identifikat dawk it-tipi ta' PSF mibjugħa domestikament li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħa biex jiġu esportati lejn il-Komunità. Rigward l-eżami fuq bażi tat-tip ta' prodott, u kif indikat fil-premessa (27), il-Kummissjoni kkunsidrat tipi ta' prodotti mibjugħa domestikament u esportati, li kellhom oriġini, finezza, kompożizzjoni, *cross-section*, tleqqija, lewn, trattament tas-silikon, kwalità u użu simili, bħala direttament komparabbli.

(31) Għal kull tip mibjugħ mill-produtturi esportaturi fis-swieq domestiċi tagħhom u misjub li hu direttament komparabbli mat-tip ta' PSF mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn il-Komunità, ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari ta' PSF tqies bħala rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip matul il-PI kien jirrappreżenta 5% jew aktar tal-volum totali tal-bejgħ tat-tip komparabbli ta' PSF esportat lejn il-Komunità.

(32) Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' PSF, mibjugħ domestikament fi kwantitajiet rappreżentattivi setax jitqies li sar matul l-andament ordinarju tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament Bażiku, billi jiġi stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qligħ lil klijenti indipendenti tat-tip ta' PSF in kwistjoni. F'każijiet fejn il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' PSF, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett ugwali għal jew ogħla mill-prezz ikkalkulat tal-produzzjoni, kien jirrappreżenta aktar minn 80% tal-volum totali ta' bejgħ ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju mwieżen ta' dak it-tip kien ugwali għal jew ogħla mill-prezz tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala l-medja mwieżna tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip magħmul matul il-PI, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ kienx iħalli qligħ jew le. F'każijiet fejn il-volum ta' bejgħ li jħalli qligħ tat-tip ta' PSF kien jirrappreżenta 80% jew anqas tal-volum totali ta' bejgħ ta' dak it-tip, jew fejn il-prezz medju mwieżen ta' dak it-tip kien taħt il-prezz tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala l-medja mwieżna tal-bejgħ li jħalli qligħ ta' dak it-tip biss, bil-kundizzjoni li dan il-bejgħ kien jirrappreżenta 10% jew aktar tal-volum totali ta' bejgħ ta' dak it-tip.

(33) F'każijiet fejn il-volum ta' bejgħ li jħalli qligħ ta' kwalunkwe tip ta' prodott kien jirrappreżenta anqas minn 10% tal-volum totali ta' bejgħ ta' dak it-tip, ġie meqjus li dan it-tip partikolari nbiegħ fi kwantitajiet insuffiċjenti sabiex il-prezz domestiku jipprovdi bażi xierqa għall-istabbiliment tal-valur normali. Kulfejn il-prezzijiet domestiċi ta' tip ta' prodott partikolari mibjugħ minn produttur esportatur ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, kellu jiġi applikat metodu ieħor.

(34) Ġie eżaminat jekk il-valur normali setax jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet domestiċi ta' produtturi oħra skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Bażiku. Billi ma kinux disponibbli prezzijiet domestiċi affidabbli ta' produtturi oħra, intuża valur normali kostruwit, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku.

(35) Skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku, il-valur normali ġie kostruwit fuq il-bażi tal-prezz tal-manifattura ta' kull produttur esportatur flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u għall-qligħ.

(36) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-SG&A li ntefqu u l-qligħ miksub minn kull produttur esportatur ikkonċernat fis-suq domestiku kinux jikkostitwixxu *data* affidabbli.

(37) L-ispejjeż domestiċi attwali ta' SG&A kienu meqjusa affidabbli fejn il-volum ta' bejgħ domestiku tal-kumpannija kkonċernata seta' jitqies bħala rappreżentattiv kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku. Il-marġni ta' qligħ domestiku ġie stabbilit fuq il-bażi tal-bejgħ domestiku li sar matul l-andament normali tal-kummerċ.

(38) Fil-każijiet kollha fejn dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, il-Kummissjoni eżaminat jekk id-*data* ta' esportaturi jew produtturi oħra fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' l-oriġini setgħetx tintuża skond l-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament Bażiku. Fejn *data* affidabbli kienet disponibbli għal produttur esportatur wieħed biss, ma setgħet tiġi stabbilita ebda medja kif stipulata fl-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament Bażiku u kien eżaminat jekk il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(6)(a) ġewx imħarsa, jiġifieri l-użu tad-*data* fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti għall-esportatur jew il-produttur in kwistjoni. Meta din id-*data* ma kinitx disponibbli jew ma ngħatatx mill-produttur esportatur, l-SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(ċ) tar-Regolament Bażiku, jiġifieri fuq il-bażi ta' kwalunkwe metodu ieħor raġonevoli.

3. Prezz ta' l-esportazzjoni

(39) Fil-każijiet kollha fejn il-prodott ikkonċernat ġie esportat lil klijenti indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament Bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni attwalment imħallsa jew li jridu jitħallsu.

(40) Fejn il-bejgħ esportat sar permezz ta' importatur relatat u ma kienx ikkunsidrat li hu affidabbli, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie kostruwit, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament Bażiku, fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti impurtati reġgħu nbiegħu l-ewwel darba lil xerrej indipendenti, aġġustat kif għandu jkun għall-ispejjeż kollha li saru bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, kif ukoll marġni raġonevoli għall-SG&A u l-qligħ. F'dan ir-rigward, intużaw l-ispejjeż ta' SG&A ta' l-importatur relatat innifsu. Hija l-prattika tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-marġni ta' qligħ fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli minn importaturi mhux relatati li jikkooperaw.

(41) Ta' min jinnota li l-investigazzjoni wriet li importatur mhux relatat wieħed jittratta l-prodott ikkonċernat b'mod anċillari. Il-marġni ta' qligħ ta' dan l-importatur għalhekk ma ġiex ikkunsidrat.

4. Tqabbil

(42) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għal tipi ta' prodotti komparabbli ġew imqabbla fuq bażi *ex-works*. Sabiex ikun żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saret konsiderazzjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kumparabbiltà tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament Bażiku. Saru aġġustamenti xierqa fil-każijiet kollha fejn dawn instabu li kienu raġonevoli, eżatti u appoġġjati bi provi verifikati.

5. Marġni ta' *dumping* għall-kumpanniji investigati

(43) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament Bażiku, u ħlief għall-każijiet deskritti fil-premessa (45) hawn isfel, il-marġni ta' *dumping* għal kull produttur esportatur ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju mwieżen mal-prezz medju mwieżen ta' l-esportazzjoni skond it-tip ta' prodott.

(44) F'każ wieħed kellu jiġi eżaminat jekk kienx possibbli li jintuża metodu ta' "operazzjoni ma' operazzjoni", minħabba li l-metodu ta' "medja għal medja" ma rriflettiex il-miżura sħiħa ta' *dumping* ipprattikat (ara l-premessa (133) sa (135)). Madankollu, ma kienx possibbli tqabbil ta' "operazzjoni ma' operazzjoni" minħabba l-fatt li n-numru ta' l-operazzjonijiet domestiċi u ta' l-esportazzjoni kien differenti b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, ma setgħu jinstabu ebda operazzjonijiet domestiċi li jikkoinċidu ma' operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni.

(45) F'każijiet fejn il-mudell tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni varja b'mod sinifikanti bejn perjodi ta' żmien differenti, u l-metodu deskritt fil-premessi (43) u (44) ma rriflettiex il-livell sħiħ ta' *dumping* fis-seħħ, il-valur normali medju mwieżen ġie mqabbel mal-prezzijiet ta' l-operazzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament Bażiku.

(46) Għal dawk il-produtturi esportaturi li nstab li kienu kumpanniji relatati, ġie kkalkulat marġni medju ta' *dumping* skond il-prattika *standard* tal-Kummissjoni għal produtturi esportaturi relatati.

6. Marġni residwu ta' *dumping*

(47) Għall-kumpanniji li ma kkooperawx, ġie stabbilit marġni "residwu" ta' *dumping* skond l-Artikolu 18 tar-Regolament Bażiku, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

(48) Sabiex jiġi ddeterminat il-marġni residwu ta' *dumping*, l-ewwel ġie stabbilit il-livell ta' kooperazzjoni. Il-livell ta' kooperazzjoni kien ikkunsidrat bħala għoli meta l-volum ta' l-esportazzjoni mill-produtturi esportaturi li kienu qegħdin jikkooperaw kien qrib ta' dak ipprovdut mill-Eurostat għall-pajjiż ikkonċernat u ma kien hemm ebda raġuni għalfejn wieħed jemmen li xi produttur esportatur astjena milli jikkoopera. F'dan il-każ ġie deċiż li l-marġni residwu ta' *dumping* jiġi ffissat fil-livell tal-kumpannija li kienet qed tikkoopera bl-ogħla marġni ta' *dumping*, sabiex tiġi żgurata l-effikaċja ta' kwalunkwe miżura.

(49) Fejn il-livell ta' kooperazzjoni kien wieħed baxx, il-marġni residwu ta' *dumping* ġie stabbilit fuq il-bażi ta' l-aktar mudell suġġett għal *dumping* u rappreżentattiv għal produttur ieħor li kien qed jikkoopera. Dan il-metodu kien ikkunsidrat ukoll bħala neċessarju sabiex jiġi evitat li jingħata bonus għan-nuqqas ta' kooperazzjoni u minħabba l-fatt li ma kien hemm ebda indikazzjoni li xi parti li ma kinitx qiegħda tikkoopera kienet għamlet *dumping* f'livell aktar baxx.

7. Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

7.1 Trattament ta' Ekonomija tas-Suq (MET)

(50) Fl-investigazzjonijiet *anti-dumping* dwar importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skond il-paragrafi 1 sa 6 ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku għal dawk il-produtturi li nstabu li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(ċ).

(51) Fil-qosor, u għall-ħeffa tar-referenza biss, il-kriterji fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Bażiku, li l-kumpanniji applikanti jridu juru li jissodisfaw, huma ppreżentati fil-qosor hawn isfel:

(1) id-deċiżjonijiet u l-ispejjeż tal-kummerċ isiru b'reazzjoni għall-kundizzjonijiet tas-suq, u mingħajr interferenza sinifikanti mill-Istat;

(2) ir-rekords tal-kontabilità jiġu verifikati b'mod indipendenti skond *standards* internazzjonali tal-kontabilità u applikati għall-għanijiet kollha;

(3) m'hemmx distorsjonijiet sinifikanti li ntirtu mis-sistema preċedenti ta' ekonomija ċentralizzata;

(4) iċ-ċertezza u l-istabilità legali huma pprovduti b'liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà;

(5) il-kambji tal-munita jsiru bir-rata tas-suq.

(52) Ħames produtturi esportaturi fir-RPĊ talbu MET skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament Bażiku u wieġbu għall-formola ta' talba għal MET għall-produtturi esportaturi. Għal dawn il-kumpanniji, il-Kummissjoni fittxet u vverifikat fil-bini ta' dawn il-kumpanniji l-informazzjoni kollha sottomessa u meqjusa neċessarja.

(53) L-investigazzjoni wriet li waħda biss mill-ħames kumpanniji msemmija ssodisfat il-kriterji kollha meħtieġa u għalhekk ingħatat MET. Dan il-produttur esportatur fir-RPĊ li ngħata MET huwa:

– Far Eastern Industries (Shanghai) Ltd.

(54) L-erba' talbiet l-oħra kellhom jiġu miċħuda. It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor id-deċiżjoni għall-erba' kumpanniji li ma ngħatalhomx MET kontra kull wieħed mill-ħames kriterji kif speċifikati fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Bażiku.

Kumpannija	Kriterji				
	Artikolu 2(7)(ċ) inċiż 1	Artikolu 2(7)(ċ) inċiż 2	Artikolu 2(7)(ċ) inċiż 3	Artikolu 2(7)(ċ) inċiż 4	Artikolu 2(7)(ċ) inċiż 5
1	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ġie sodisfatt	Ġie sodisfatt
2	Ġie sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ġie sodisfatt	Ġie sodisfatt
3	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ġie sodisfatt	Ġie sodisfatt
4	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ma ġiex sodisfatt	Ġie sodisfatt	Ġie sodisfatt
Sors: Tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarju ta' l-esportaturi Ċiniżi li kkooperaw					

(55) Il-kumpanniji kkonċernati ngħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar l-konklużjonijiet ta' hawn fuq. L-erba' kumpanniji kollha li ma ngħatawx MET ma qablux mad-deċiżjonijiet meħuda u sostnew li għandhom jingħataw MET.

(56) Dwar l-ewwel kriterju, jiġifieri li d-deċiżjonijiet tal-kummerċ isiru bi tweġiba għas-sinjali tas-suq, mingħajr interferenza sinifikanti mill-Istat, u li l-prezzijiet jirriflettu l-valuri tas-suq, kumpannija minnhom oġġezzjonat għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li hija rċeviet sussidju mill-Istat u li għalhekk l-ispejjeż ma rriflettewx kompletament il-valuri tas-suq. F'dan il-każ, l-azzjonista li huwa ta' sidien kollettivi kkontribwixxa assi meta twaqqfet il-kumpannija u ma ġiex ikkumpensat għall-valur miżjud tal-kumpannija meta din sussegwentement biegħet l-ishma tagħha. Waqt verifika fuq il-post inġabret evidenza li kkonfermat li l-azzjonista ta' proprjetà ta' l-Istat ma ġiex ikkumpensat għal din iż-żieda fil-valur. Minħabba dan il-benefiċċju finanzjarju, il-kumpannija ma kellhiex tħallas il-valur tas-suq għall-assi neċessarji biex tipproduċi l-prodott ikkonċernat. Għalhekk, id-deċiżjonijiet rigward l-ispejjeż u l-*inputs* ma kinux ikkunsidrati li saru b'reazzjoni għas-sinjali tas-suq.

(57) Barra minn hekk, il-kumpannija ppruvat taħbi interferenza possibbli mill-Istat. Fil-fatt, meta ġiet eżaminata t-traduzzjoni tal-verżjoni Ċiniża tal-liċenza tal-kummerċ tal-kumpannija, instab li informazzjoni dwar l-ambitu tal-kummerċ ta' l-azzjonista tagħha, b'mod partikolari r-referenza għall-ġestjoni u l-operat ta' l-assi proprjetà tal-belt, tħalliet barra b'mod lampanti. Għalhekk, kellu jiġi konkluż li l-produttur esportatur ma pprovdiex informazzjoni suffiċjenti li kien qed jopera taħt kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq. L-ebda argument imressaq mill-kumpannija kkonċernata wara l-iżvelar tal-fatti ma seta' jreġġa' lura din il-konklużjoni u t-talba kellha tiġi miċħuda.

(58) Rigward it-tieni kriterju, jiġifieri li l-kumpanniji jkollhom sett wieħed ċar ta' rekords bażiċi tal-kontabilità li jiġu vverifikati b'mod indipendenti skond *standards* internazzjonali tal-kontabilità, erba' kumpanniji ssottomettew li qegħdin jissodisfaw dan il-kriterju minħabba li r-rekords tal-kontabilità tagħhom huma vverifikati b'mod indipendenti. Madankollu, instab li fir-rapporti ta' l-awditur ta' tlieta mill-kumpanniji ma semmewx diversi problemi serji (fosthom in-nuqqas ta' rispett ta' regoli internazzjonali bażiċi tal-kontabilità) misjuba waqt il-verifika fuq il-post, jew jispjegaw tibdil fil-politika tal-kontabilità tal-kumpanniji konċernati. Kumpannija oħra nstabet li ma tirriflettix fil-kontijiet tagħha r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-awditur tagħha. Għalhekk, kellu jiġi konkluż li r-rekords tal-kontabilità ta' l-erba' kumpanniji kollha konċernati ma kinux ivverifikati skond *standards* internazzjonali tal-kontabilità kif previst mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Bażiku u t-talbiet ġew miċħuda.

(59) Rigward it-tielet kriterju, tliet kumpanniji argumentaw li kuntrarju għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, ma kien hemm ebda distorsjonijiet sinifikanti li ntirtu mis-sistema preċedenti ta' ekonomija ċentralizzata. F'każ wieħed, din it-talba kellha tiġi miċħuda għax instab li l-kumpannija kkonċernata rċeviet self bla imgħax mill-gvern u diversi sussidji oħra. Dan ifisser li hemm distorsjonijiet sinifikanti li ntirtu mis-sistema preċedenti ta' ekonomija ċentralizzata li għandhom impatt fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni. Fil-każ tat-tieni kumpannija, ma setgħet tiġi stabbilita l-ebda rikonċiljazzjoni bejn l-ammonti dovuti u dawk fil-fatt imħallsa għad-drittijiet ta' l-użu ta' l-art tal-kumpannija. Barra minn hekk, u dan huwa relatat ukoll mat-tieni kriterju, id-deprezzament ta' l-assi mhux tanġibbli ta' din il-kumpannija ma sarx skond *standards* tal-kontabilità. It-tielet kumpannija argumentat li l-fatt li ma setgħet tissottometti l-ebda evidenza rigward il-ħlas tal-kontribuzzjoni kapitali tagħha mill-azzjonisti, kif stabbilit mill-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni, ma kienx marbut ma' xi distorsjoni sinifikanti mis-sistema preċedenti ta' ekonomija ċentralizzata, minħabba li l-interessi involuti kienu privati. L-investigazzjoni żvelat, madankollu, li r-regoli dwar il-kapital imħallas tal-kumpannija ma ġewx infurzati mill-awtoritajiet Ċiniżi. Għalhekk, ġie konkluż li din il-kumpannija kienet suġġetta għal distorsjoni sinifikanti li ntirtet mis-sistema ta' l-ekonomija ċentralizzata u l-ispejjeż tagħha, b'mod partikolari b'rabta mad-deprezzament ta' l-assi, kienu distorti b'mod sinifikanti. Għalhekk ġie konkluż li l-kumpanniji kkonċernati ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet stipulati fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Bażiku u t-talbiet tagħhom għalhekk kellhom jiġu miċħuda.

(60) Kumpannija minnhom argumentat li l-Kummissjoni kienet ħadet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha għal MET wara l-perjodu ta' tliet xhur imsemmi taħt l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Bażiku, u li din id-deċiżjoni għalhekk ma kinitx valida.

(61) F'dan ir-rigward huwa nnutat li l-Kummissjoni tat diversi estensjonijiet ta' l-iskadenza lill-produtturi esportaturi Ċiniżi konċernati, fosthom lill-kumpannija hawn fuq imsemmija, li kellhom diffikultajiet kbar biex jimlew il-formoli ta' talba għal MET sa l-iskadenza stabbilita fl-avviż ta' bidu.

(62) Huwa nnutat ukoll li l-biċċa l-kbira tat-talbiet għal MET riċevuti kienu defiċjenti u kienu jeħtieġu numru ta' kjarifiki sostanzjali u informazzjoni addizzjonali li dewmu l-investigazzjoni. Fl-aħħarnett, il-kumplessità ta' numru ta' kwistjonijiet bħall-istrutturi u l-kanali tal-bejgħ tal-kumpannija kif ukoll il-problemi serji misjuba waqt il-verifika fuq il-post fir-rigward tal-kontijiet tal-kumpannija tawlu l-analiżi u għalhekk ma kienx possibbli li tittieħed deċiżjoni fir-rigward tat-talbiet riċevuti għal MET fi żmien tliet xhur mill-bidu.

(63) F'dan ir-rigward, huwa nnutat li n-nuqqas ta' rispett ta' tali skadenza ma joħloq ebda konsegwenzi legali apparenti billi l-kumpanniji ngħataw ugwalment l-opportunità biex jikkummentaw. Barra minn hekk, huwa nnutat li l-kumpannija hawn fuq imsemmija ma allegat l-ebda impatt negattiv minħabba l-perjodu itwal meħtieġ għad-deċiżjoni dwar MET. Fil-fatt, l-ebda waħda mill-partijiet interessati l-oħra ma allegat li kienet sofriet preġudizzju simili.

(64) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa konkluż li deċiżjoni valida fir-rigward tal-MET tista' ssir anki wara l-perjodu ta' tliet xhur u t-talba tal-kumpannija konċernata għalhekk ġiet miċħuda.

(65) Il-Kumitat Konsultattiv ġie kkonsultat u l-partijiet direttament ikkonċernati ġew infurmati b'dan. L-industrija tal-Komunità ngħatat l-opportunità li tikkummenta, iżda ma ġew riċevuti l-ebda kummenti dwar id-deċiżjoni tal-MET.

7.2 Trattament Individwali (IT)

(66) B'referenza għall-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku, dazju għall-pajjiż kollu, jekk hemm, huwa stabbilit għall-pajjiżi li jaqgħu taħt l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, għajr f'dawk il-każijiet fejn il-kumpanniji jkunu jistgħu juru, skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku, li (a) huma liberi li jibagħtu lura lejn pajjiżhom kapital u qligħ; (b) il-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni tagħhom, kif ukoll it-termini u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ huma ddeterminati b'mod ħieles; (ċ) il-maġġoranza ta' l-ishma jappartjenu lil persuni privati; (d) il-konverżjonijiet tal-kambju jsiru bir-rati tas-suq, u (e) kwalunkwe interferenza mill-Istat ma tkunx tali li tippermetti evażjoni tal-miżuri jekk l-esportaturi jingħataw rati differenti ta' dazju.

(67) Il-ħames produtturi esportaturi, minbarra li talbu MET, talbu wkoll trattament individwali f'każ li ma jingħatawx MET. Kif speċifikat hawn fuq, il-kumpanniji jridu juru li qegħdin jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku. Kif deskritt fil-premessa (57), kumpannija minnhom ipprovdiet informazzjoni qarrieqa dwar l-iskop tal-kummerċ ta' wieħed mill-azzjonisti tagħha sabiex taħbi interferenza possibbli mill-Istat. Għalhekk, il-kumpannija ma setgħetx turi li kienet kompletament ħielsa biex tistabbilixxi l-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni, u t-termini u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ. Barra minn hekk, ma kinitx kapaċi turi jekk l-interferenza mill-Istat ma kinitx tali li tippermetti li jiġu evitati l-miżuri jekk dan l-esportatur jingħata rata ta' dazju individwali. Billi din il-kumpannija ma ssodisfatx il-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku, ġie deċiż li ma jingħatax IT lil din il-kumpannija.

(68) Waħda mit-tliet kumpanniji l-oħra li ma ngħatawx MET, kienet parzjalment taħt il-kontroll ta' sidien barranin u kienet libera tagħmel ripatrijazzjoni tal-qligħ tagħha. Iż-żewġ kumpanniji l-oħra huma proprjetà ta' individwi Ċiniżi li jinsabu fir-RPĊ u għalhekk ma jaqgħux taħt dan il-kriterju. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni vverifikata mogħtija mit-tliet kumpanniji, instab li l-Istat ma kellu l-ebda influwenza fuq il-ħila tal-kumpanniji li jistabbilixxu b'mod liberu l-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni tagħhom u l-kundizzjonijiet u t-termini tal-bejgħ. Il-livell ta' interferenza mill-Istat f'dawn il-kumpanniji wkoll ma tqiesx tali li jippermetti li jiġu evitati l-miżuri billi l-maġġoranza ta' l-ishma f'dawn il-kumpanniji jappartjenu lil kumpanniji ġenwinament privati. Billi huma qegħdin jikkompetu ma' xulxin kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-suq ta' l-esportazzjoni, kull kumpannija tieħu vantaġġ mill-marġni individwali tagħha pjuttost milli tippermetti xi evażjoni tal-miżuri. Kif diġà ssemma fil-premessa (54), il-kumpanniji kollha ssodisfaw il-ħames kriterju stipulat fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament Bażiku li l-konverżjonijiet tal-kambju jsiru bir-rati tas-suq. Għalhekk, ġie konkluż li tlieta mill-kumpanniji li ma ngħatawx MET, kienu jissodisfaw ir-rekwiżiti għal IT, deskritti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament Bażiku.

(69) Għalhekk ġie konkluż li għandu jingħata IT lit-tliet produtturi esportaturi li ġejjin fir-RPĊ:

– AnShun Pettechs Group, li jinkludi l-esportaturi relatati li ġejjin:

  – Hangzhou AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd

  – Deqing AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd

  – Kunshan AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd

– Cixi Jiangnan Chemical Fiber Co. Ltd.

– Jiangyin Changlong Chemical Fibre Co. Ltd.

7.3 Valur normali

7.3.1 Stabbiliment tal-valur normali għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mogħtija MET

(70) Il-produttur esportatur Ċiniż li ngħata MET kien mitlub jissottometti tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju li tinkludi informazzjoni dwar il-bejgħ domestiku u informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Din ir-risposta kienet ivverifikata fil-bini tal-kumpannija kkonċernata.

(71) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istabbiliment tal-valur normali, il-Kummissjoni segwiet l-istess metodoloġija bħal dik spjegata fil-premessi (29) sa (38).

7.3.2 Stabbiliment tal-valur normali għall-produtturi esportaturi kollha li ma ngħatawx MET

– *(i) Pajjiż analogu*

(72) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx trattament ta' ekonomija tas-suq irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet jew il-valur kostruwit f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu").

(73) Fl-avviż ta' bidu, l-Istati Uniti kienet meqjusa bħala pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq għall-iskop li jiġi stabbilit valur normali għar-RPĊ u l-partijiet interessati kienu mistiedna biex jikkummentaw dwar dan. Tliet produtturi esportaturi kkontestaw din l-għażla fliskadenzi imposti u ieħor ippropona l-għażla ta' pajjiż esportatur involut fil-proċedura kurrenti bl-anqas valur normali misjub bħala pajjiż analogu. Kien argumentat li l-livell ta' l-iżvilupp ekonomiku ta' l-Istati Uniti huwa differenti minn dak tar-RPĊ u li l-ispejjeż, inklużi l-prezzijiet tal-materja prima, huma relattivament ogħla fl-Istati Uniti.

(74) Sabiex jiġi stabbilit jekk l-għażla maħsuba ta' l-Istati Uniti bħala pajjiż analogu kienet xierqa, il-Kummissjoni l-ewwel talbet informazzjoni dwar il-bejgħ u l-kundizzjonijiet tas-suq minn produtturi magħrufa tal-PSF f'pajjiżi oħra b'ekonomija tas-suq, jiġifieri fl-Istati Uniti, l-Indja, l-Indonežja u t-Tajlandja. Kienu riċevuti tweġibiet għall-informazzjoni mitluba mingħand produttur wieħed fl-Istati Uniti, produttur fl-Indja u żewġ produtturi fl-Indonežja. Kien eżaminat ukoll jekk it-Tajwan jew ir-Repubblika tal-Korea, li huma suġġetti għall-evalwazzjoni proviżorja parallela msemmija fil-premessa (5) dwar l-istess prodott, setgħux jitqiesu bħala pajjiż analogu xieraq.

(75) Rigward it-Tajwan, l-informazzjoni disponibbli mill-investigazzjoni ta' l-evalwazzjoni proviżorja parallela wriet li PSF verġni biss kien jinbiegħ fis-suq domestiku filwaqt li l-esportaturi Ċiniżi li ma ngħatawx MES kienu jbigħu esklussivament PSF riċiklat, li jkun jirrikjedi aġġustamenti importanti meta jiġi mqabbel il-valur normali mal-prezz ta' l-esportazzjoni. Dwar il-Korea, instab li l-produtturi esportaturi kienu jesportaw bi prezzijiet suġġetti għal *dumping* lejn il-Komunità (ara l-premessa (112) sa (137)), li jindika l-probabbiltà għolja ta' distorsjoni fis-suq domestiku ta' dan il-pajjiż. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-bejgħ fis-suq Korean kien ta' PSF verġni, filwaqt li kumpannija waħda biss (minn tlieta) kienet tipproduċi PSF riċiklat. B'kuntrast, fl-Istati Uniti, kemm PSF verġni u anki rriċiklat kienu jinbiegħu fi kwantitajiet sinifikanti. Għalhekk ġie konkluż li m'hemm l-ebda raġuni apparenti għaliex il-Korea jew it-Tajwan huma aktar xierqa mill-Istati Uniti bħala pajjiż analogu. Il-pajjiżi analogi l-oħra potenzjali huma suġġetti għal dazji *anti-dumping* u/jew dazji tas-sisa protettivi li jistgħu jindikaw distorsjonijiet fis-swieq domestiċi tagħhom ta' dan il-prodott.

(76) L-analiżi ta' l-informazzjoni kollha disponibbli għall-Kummissjoni wriet li l-Istati Uniti għandha suq kbir u kompetittiv ħafna għall-prodott ikkonċernat, b'aktar minn għaxar produtturi u importazzjonijiet sinifikanti minn pajjiżi terzi. Għalkemm kienu imposti dazji *anti-dumping* fuq l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan, xorta kien għad hemm importazzjoni sostanzjali ta' PSF minn pajjiżi oħra.

(77) Kif issemma' fil-premessa (27), il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku ta' l-Istati Uniti kien prodott simili għall-prodott esportat miċ-Ċina lejn il-Komunità. F'dan ir-rigward, kienu biss dawk it-tipi ta' prodotti magħmula fl-Istati Uniti bl-istess proċess ta' produzzjoni li ttieħdu in konsiderazzjoni għat-tqabbil, jiġifieri PSF minn skart riċiklat.

(78) Fiċ-Ċina, il-materja prima prinċipali użata, jiġifieri l-iskart riċiklat, tinġieb fil-biċċa l-kbira mis-suq domestiku, filwaqt li xi ftit kienet impurtata wkoll mill-Istati Uniti u mill-Ewropa. Il-produttur fil-pajjiż analogu xtara l-materja prima esklussivament minn fornituri domestiċi. Għalhekk ġie konkluż li l-aċċess għall-materja prima fl-Istati Uniti kien aktar faċli jew għallinqas simili meta mqabbel mal-PRC.

(79) L-għażla tal-pajjiż analogu fuq il-bażi ta' l-anqas valur normali misjub kienet meqjusa mhux raġonevoli billi din ma kinitx ibbażata fuq kriterji ċari iżda pjuttost fuq ir-riżultat finali. Bl-istess mod, il-fatt li l-ispejjeż f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq huma allegatament ogħla ma jistax fih innifsu jitqies bħala raġuni sabiex pajjiż bħal dan ma jitqiesx bħala pajjiż analogu xieraq. Għan wieħed possibbli ta' l-interferenza mill-Istat jista' jkun sabiex jinżamm livell baxx ta' spejjeż biex jiġu sostnuti ċerti industriji domestiċi u jinżammu kompetittivi. F'dawn il-każijiet, l-ispejjeż aktar baxxi jkunu sempliċement il-konsegwenza ta' din l-interferenza mill-Istat u mhux ir-riżultat tal-forzi tas-suq. Huwa preċiżament l-iskop ta' l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku li jintgħażel pajjiż analogu sabiex il-valur normali jkun ibbażat fuq prezzijiet u spejjeż mhux preġudikati minn kundizzjonijiet ta' ekonomija ċentralizzata.

(80) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-livell differenti ta' l-iżvilupp ekonomiku ta' l-Istati Uniti u r-RPĊ, dan fih innifsu mhuwiex fattur rilevanti meta jintgħażel pajjiż analogu. Fil-fatt, l-għażla ta' suq modern u effiċjenti meta mqabbel ma' l-ispejjeż kkaratterizzat minn kompetizzjoni intensiva għandha tirriżulta f'valur normali aktar baxx milli jekk il-pajjiż analogu jkollu żvilupp ekonomiku komparabbli għall-pajjiż bl-ekonomija ċentralizzata.

(81) Wara li ġie kkunsidrat dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li l-Istati Uniti kien l-aktar pajjiż analogu xieraq u li f'dawn iċ-ċirkustanzi l-għażla ta' l-Istati Uniti dehret raġonevoli u ġustifikata skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku.

(82) Il-Kummissjoni wara bagħtet kwestjonarju aktar dettaljat lill-produttur fl-Istati Uniti fejn talbet informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku u l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodott simili. It-tweġiba tal-produttur kienet ivverifikata fuq il-post.

(83) Wara l-iskadenza taż-żmien għas-sottomissjoni ta' kummenti dwar l-informazzjoni żvelata, żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi argumentaw li l-Istati Uniti ma kinitx tikkostitwixxi pajjiżi analogu xieraq billi minn Jannar 2001 kienet għaddejja investigazzjoni dwar imġiba anti-kompetittiva u ffissar tal-prezzijiet fis-suq tal-PSF Amerikan, li kienet tinvolvi lill-kumpannija li kienet qed tikkoopera u tmien kumpanniji oħra fl-Istati Uniti. Fil-qafas ta' din l-investigazzjoni tnejn mill-akkużati wieġbu li kienu ħatja u wieħed minnhom weħel multa. Kien argumentat li minflok għandhom jintużaw il-Korea t'Isfel jew it-Tajwan .

(84) Ta' min jinnota li l-investigazzjoni msemmija hawn fuq tikkonċerna prattika li seħħiet aktar minn sena qabel il-bidu tal-perjodu ta' investigazzjoni u ma kien hemm l-ebda informazzjoni li tindika li din il-prattika, imwettqa miż-żewġ atturi tas-suq li wieġbu ħatja, setgħet affettwat il-prezzijiet matul il-PI li ntużaw bħala l-bażi sabiex jiġi kkalkulat il-valur normali. Għall-kuntrarju, meta wieħed iqabbel il-marġni ta' qligħ magħmul mill-produttur fil-pajjiż analogu fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, ma' dak magħmul minn produtturi fil-Korea u t-Tajwan, dan il-marġni nstab li kien jew simili jew aktar baxx. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma rriżultat f'ebda akkużi kontra l-produttur Amerikan li kien qed jikkoopera (Wellman Inc.), li kien infurmat mill-awtoritajiet Amerikani f'Settembru 2004 li ebda akkuża ma kienet ser titressaq kontra l-kumpannija jew l-impjegati tagħha. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li l-informazzjoni pprovduta mill-produttur ta' l-Istati Uniti li kien qed jikkoopera u li ntużat bħala bażi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali ma kinitx ġiet distorta b'xi mġiba *anti*-kompetittiva li setgħet eżistiet fis-suq Amerikan fil-passat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Istati Uniti hija kkonfermata bħala għażla xierqa ta' pajjiż analogu. Madankollu, hu nnutat li, taħt kull ċirkustanza, jekk investigazzjoni ssib li din il-prattika *anti*-kompetittivi seħħiet matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni jew li kkawżat distorsjoni tar-riżultati ta' din l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet attwali jistgħu jkunu suġġetti għal konsiderazzjoni mill-ġdid.

– *(ii) Stabbiliment tal-valur normali fil-pajjiż analogu*

(85) Skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament Bażiku, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx MET ġie stabbilit fuq il-bażi ta' l-informazzjoni verifikata riċevuta mill-produttur fil-pajjiż analogu, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet kollha mħallsa jew li jridu jitħallsu fis-suq domestiku ta' l-Istati Uniti għal tipi ta' prodotti komparabbli, billi dawn instabu li saru fl-andament ordinarju tal-kummerċ u fi kwantitajiet rappreżentattivi.

(86) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istabbiliment tal-valur normali, il-Kummissjoni segwiet l-istess metodoloġija bħal dik spjegata fil-premessi (29) sa (38).

7.4 Prezz ta' l-esportazzjoni

(87) Il-bejgħ esportat kollu lejn il-Komunità mill-produtturi esportaturi li ngħataw MET jew IT sar direttament lil klijenti indipendenti fil-Komunità u għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi tal-prezzijiet attwalment imħallsa jew li jridu jitħallsu.

7.5 Tqabbil

(88) Fejn applikabbli u ġustifikati saru l-aġġustamenti mitluba fir-rigward tar-rifużjoni ta' dazji, it-trasport, l-assigurazzjoni u l-immaniġġar, l-ippakkjar u l-ispejjeż tal-kreditu, l-ispejjeż tal-bank u l-kummissjonijiet.

(89) Ċerti tipi ta' prodotti esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi li ngħataw IT kellhom xi karatteristiċi fiżiċi differenti meta mqabbla mat-tipi komparabbli mibjugħa fil-pajjiż analogu, bħalma huma t-tleqqija, il-lewn, il-*cross section* jew it-trattament bis-silikon. Għalhekk, saret konċessjoni skond l-Artikolu 2(10)(a) tar-Regolament Bażiku. Fin-nuqqas ta' informazzjoni aktar affidabbli, l-aġġustament ġie stabbilit fuq il-bażi tad-differenza fil-prezz relatata ma' dawn il-karatteristiċi speċifiċi misjuba fil-pajjiż analogu.

(90) L-investigazzjoni wriet li l-bejgħ fil-pajjiż analogu sar esklussivament lil utenti finali filwaqt li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għamlu wkoll bejgħ permezz ta' kanali oħra tal-bejgħ. Fin-nuqqas ta' l-istess kanali tal-bejgħ fil-pajjiż analogu, ġie konċess aġġustament speċjali, skond l-Artikolu 2(10)(d)(ii) tar-Regolament Bażiku, billi tnaqqas mill-valur normali ta' l-utenti finali, ammont li jikkorrispondi għal 10% tal-marġni gross ta' qligħ.

(91) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-valur normali ġie stabbilit għal bejn madwar 70% u madwar 90% tal-kwantità esportata tal-prodott ikkonċernat tal-kumpanniji mogħtija IT lill-Komunità. Dan kien meqjus rappreżentattiv tal-livell ta' *dumping* fil-prattika.

(92) Sar ukoll aġġustament fir-rigward tal-produttur esportatur Ċiniż għad-differenzi fir-rifużjoni tal-VAT.

7.6 Marġni ta' *dumping*

(93) Il-marġni ta' *dumping* għall-kumpannija mogħtija MET ġiet stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju mwieżen mal-prezzijiet medji mwieżna tagħha ta' l-esportazzjoni skond it-tip ta' prodott, kif stabbilit fuq.

(94) Għat-tliet kumpanniji mogħtija IT, il-valur normali medju mwieżen għat-tipi esportati lejn il-Komunità stabbilit għall-pajjiż analogu ġie mqabbel mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju mwieżen tat-tip korrispondenti esportat lejn il-Komunità, kif previst taħt l-Artikolu 2(11) tar-Regolament Bażiku.

(95) Għall-kumpannija li kkooperat li la ngħatat MET u lanqas IT, u għall-esportaturi kollha li ma kkooperawx, il-marġni ta' *dumping* għall-pajjiż kollu kien stabbilit bħala l-medja tal-marġni ta' *dumping* misjub għall-produttur b'ekonomija ċentralizzata mingħajr IT u l-aktar mudell suġġett għal *dumping* u rappreżentattiv għal produttur esportatur wieħed li kien qed jikkoopera b'ekonomija ċentralizzata, kif spjegat fil-premessa (49) hawn fuq.

(96) Il-marġni ta' *dumping* espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF nett ħieles mal-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, huma:

Kumpannija	Marġni ta' *dumping*
Cixi Jiangnan Chemical Fiber Co. Ltd.	26,3%
Far Eastern Industries (Shanghai) Ltd	4,9%
Hangzhou AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd	49,0%
Deqing AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd	
Kunshan AnShun Pettechs Fibre Industry Co., Ltd	
Jiangyin Changlong Chemical Fibre Co. Ltd.	63,2%
Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	85,8%

8. Għarabja Sawdita

(97) Kienu riċevuti tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand żewġ produtturi esportaturi u ħames importaturi relatati ma' wieħed mill-esportaturi.

8.1 Saudi Basic Industries Corporation ("Sabic")

8.1.1 Valur normali

(98) Dan il-produttur esportatur kellu bejgħ rappreżentattiv tal-prodott simili fis-suq domestiku. Madankollu, dan il-bejgħ ma setax jitqies li sar matul l-andament ordinarju tal-kummerċ fuq il-bażi tal-prezz. Għalhekk, u fin-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli minn produtturi oħra fil-pajjiż esportatur, il-valur normali kellu jiġi kostruwit, kif stabbilit mill-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku.

(99) Sabiex jiġi kostruwit il-valur normali, l-ispejjeż attwali ta' SG&A li għamel il-produttur esportatur ikkonċernat fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, waqt il-perjodu ta' l-investigazzjoni, ġew miżjuda ma' l-ispiża medja tiegħu tal-produzzjoni, ta' kull tip esportat, matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni.

(100) Billi ma kienet disponibbli l-ebda *data* affidabbli għal produtturi esportaturi oħra fl-Għarabja Sawdita (ara l-premessa (104) sa (106)) u billi l-produttur esportatur ma pprovda l-ebda informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-bejgħ ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, il-marġni ta' qligħ kellu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' kwalunkwe metodu ieħor raġonevoli, kif stabbilit mill-Artikolu 2(6)(ċ) tar-Regolament Bażiku. F'dan ir-rigward kien ikkunsidrat li marġni ta' qligħ ta' 5% kien raġonevoli. Ma kien hemm l-ebda informazzjoni li tindika li dan il-marġni ta' qligħ jaqbeż il-qligħ li normalment jagħmlu esportaturi jew produtturi oħra fuq il-bejgħ ta' prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku ta' l-Għarabja Sawdita, kif previst mill-Artikolu 2(6)(ċ) tar-Regolament Bażiku.

8.1.2 Prezz ta' l-esportazzjoni

(101) Il-bejgħ kollu sar lejn il-Komunità permezz ta' importatur relatat, li reġa' biegħ il-prodott kemm lil klijenti relatati kif ukoll lil klijenti mhux relatati. Dawk il-klijenti relatati, minnaħa tagħhom, reġgħu biegħu l-prodott ikkonċernat lil klijenti indipendenti oħra. Għalhekk, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie kostruwit skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament Bażiku.

8.1.3 Tqabbil

(102) Saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, ta' l-assigurazzjoni, ta' l-ippakkjar u tal-kreditu.

(103) Kienet mitluba wkoll konċessjoni għall-valur normali minn dan il-produttur esportatur għall-ispejjeż ta' wara l-bejgħ fis-suq domestiku. Minbarra l-fatt li ma kien hemm ebda evidenza li tissostanzja l-ammont mitlub, ma setax jiġi konkluż, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta, li dan il-fattur affettwa l-kumparabbiltà tal-prezzijiet. B'mod partikolari, ma setax jintwera li l-konsumaturi domestiċi konsistentement ħallsu prezzijiet differenti minħabba dan il-fattur. Barra minn hekk, ġie stabbilit li dawn l-ispejjeż ma kinux relatati biss mal-bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku iżda wkoll lejn swieq oħra, fosthom il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-konċessjoni mitluba kellha tiġi rrifjutata, billi ma ssodisfatx ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 2(10).

8.2 National Polyester Fibers Factory ("NPF")

(104) It-tweġiba għall-kwestjonarju mibgħuta minn dan il-produttur esportatur kienet defiċjenti ħafna u kien fiha informazzjoni kontradittorja. Għalkemm il-kumpannija ġiet mitluba biex tikkoreġi, tlesti u tiċċara t-tweġiba tagħha, hija ma pprovdietx l-informazzjoni nieqsa u ma għamlitx il-korrezzjonijiet xierqa. Barra dan, il-verifika fuq il-post żvelat li n-NPF ma rrappurtatx aktar minn nofs il-bejgħ domestiku tagħha ta' PSF fil-PI. Barra minn hekk, ma kienx possibbli li jiġi rrikonċiljat il-bejgħ totali rrappurtat tal-kumpannija, inkluż il-bejgħ esportat lejn il-Komunità mad-dokumenti tal-kontabilità tagħha. Għalhekk kien ikkunsidrat li d-*data* dwar il-bejgħ sottomessa fit-tweġiba għall-kwestjonarju ma setgħetx titqies bħala bażi affidabbli għall-istabbiliment ta' marġni ta' *dumping*.

(105) Barra dan, id-*data* fir-rigward tal-prezz tal-produzzjoni ma setgħetx tiġi rrikonċiljata mad-dokumenti tal-kontabilità interni tal-kumpannija u ma ngħatat l-ebda prova li d-*data* rrappurtata fil-fatt kienet kompleta u korretta. Għalhekk ġie konkluż li l-informazzjoni sottomessa dwar il-prezz tal-produzzjoni tal-prodott simili ma kinitx affidabbli u ma setgħetx tintuża bħala bażi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali.

(106) Minħabba dan, kien ikkunsidrat li l-marġni ta' *dumping* għal dan il-produttur esportatur ma setax jiġi stabbilit fuq il-bażi tad-*data* tiegħu stess. Il-marġni ta' *dumping* għalhekk ġie stabbilit fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, kif previst fl-Artikolu 18 tar-Regolament Bażiku. F'dan ir-rigward, u minħabba l-informazzjoni inadegwata sottomessa mill-NPF, ma kien hemm ebda raġuni biex wieħed jikkonkludi li n-NPF għamlet *dumping* f'livell differenti mill-produttur esportatur l-ieħor fl-Għarabja Sawdita. Għalhekk, kien meqjus f'waqtu li l-marġni ta' *dumping* għall-NPF jiġi ffissat fl-istess livell ta' dak stabbilit għall-produttur esportatur l-ieħor fl-Għarabja Sawdita.

(107) Il-kumpannija kkontestat dan il-metodu billi argumentat li kienet aġixxiet bi trasparenza sħiħa u li kwalunkwe żball fl-informazzjoni pprovduta kien aċċidentali u purament klerikali. Madankollu, ma kienet ipprovduta l-ebda informazzjoni oħra verifikabbli li setgħet tippermetti lill-Kummissjoni li tirrivedi l-konklużjonijiet tagħha.

(108) Il-produttur esportatur l-ieħor Sawdit ma qabilx mal-metodu t'hawn fuq, bl-argument li dan jikkostitwixxi bonus għan-nuqqas ta' kooperazzjoni. Kien argumentat ukoll li n-NPF esportat tipi oħra ta' prodotti, li mhumiex komparabbli mat-tipi esportati minn Sabic. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li d-determinazzjoni tal-marġni ta' *dumping* għall-NPF saret fuq il-bażi ta' l-aħjar informazzjoni disponibbli. Il-maġġoranza kbira (81%) ta' l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Għarabja Sawdita lejn il-Komunità saret minn Sabic. Għalhekk, fin-nuqqas ta' xi metodu ieħor raġonevoli, din kienet meqjusa bħala bażi xierqa għall-iffissar tal-marġni ta' *dumping* għall-NPF. Barra dan, kif huwa ddikjarat hawn fuq, ma kien hemm ebda raġuni biex wieħed jikkonkludi li NPF għamlet *dumping* f'livell differenti mill-produttur esportatur l-ieħor fl-Għarabja Sawdita. Rigward it-tipi differenti tal-prodott esportati miż-żewġ kumpanniji huwa nnutat li dawn kollha jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-metodu speċifikat fil-premessa (106) huwa meqjus bħala raġonevoli.

8.2.1 Marġni ta' dumping

(109) Il-marġni ta' *dumping* ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-valur normali medju mwieżen mal-prezzijiet medji mwieżna tagħha ta' l-esportazzjoni skond it-tip ta' prodott, kif stabbilit fuq. Kif spjegat fil-premessa (106), il-marġni ta' *dumping* għall-produttur esportatur l-ieħor fl-Għarabja Sawdita, jiġifieri NPF, ġie stabbilit fl-istess livell bħall-marġni misjub għall-produttur li kien qed jikkoopera fl-Għarabja Sawdita (Sabic).

(110) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni wera l-eżistenza ta' *dumping*. Il-marġni ta' *dumping*, espressi bħala perċentwali tal-prezz CIF nett ħieles mal-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, huma:

National Polyester Fibers Factory 31,7%

Saudi Basic Industries Corporation (Sabic) 31,7%

(111) Billi ż-żewġ kumpanniji hawn fuq imsemmija kienu jirrappreżentaw il-bejgħ esportat kollu mill-Għarabja Sawdita lejn il-Komunità, kif spjegat fil-premessa (48), id-dazju residwu ġie ffissat ukoll fil-livell tal-kumpannija li kienet qed tikkoopera bl-ogħla marġni ta' *dumping*. Għalhekk, id-dazju residwu espress bħala perċentwali tal-prezz CIF nett ħieles mal-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, huwa ta' 31,7%.

9. Repubblika tal-Korea

(112) Intbagħtu risposti għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun.

(113) Produttur esportatur minnhom għall-ewwel issottometta *data* għall-prodotti kollha li fihom il-poljester. Madankollu, billi l-evalwazzjoni preżenti tikkonċerna biss fibri diskontinwi sintetiċi tal-poljester, mhux imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor għall-għażil li attwalment jistgħu jiġu kklassifikati fil-kodiċi NM 5503 20 00 (jiġifieri b'50% jew aktar ta' poljester), il-prodotti kollha li kienu ddikjarati mill-produttur esportatur bħala li fihom anqas minn 50% ta' poljester ġew injorati.

9.1 Valur normali

(114) Għat-tliet produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun, il-bejgħ tal-prodott simili kien rappreżentattiv hekk kif definit fil-premessi (29) sa (31). Fil-parti l-kbira, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew li jridu jitħallsu, matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, minn konsumaturi indipendenti fir-Repubblika tal-Korea, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Bażiku. Madankollu, għal dawk it-tipi ta' prodott fejn il-bejgħ domestiku ma kienx biżżejjed biex jitqies rappreżentattiv jew ma sarx matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, il-valur normali ġie kostruwit skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, kif spjegat fil-premessa (34).

(115) Produttur esportatur wieħed fir-Repubblika tal-Korea rrapporta bejgħ magħmul lil kumpanniji tal-manifattura Koreani bħala bejgħ domestiku, għalkemm il-prodott finalment kien destinat għall-esportazzjoni. Il-produttur esportatur argumenta li dan il-bejgħ kien maħsub għall-konsum domestiku. Madankollu, dan il-bejgħ kien suġġett għal arranġamenti amministrattivi speċifiċi għall-bejgħ esportat billi ma kienx suġġett għat-taxxa fuq il-bejgħ domestiku, il-fattura għalih kienet tinħareġ f'dollari Amerikani u jitħallas b'ittri tal-kreditu, kien suġġett għal arranġamenti dwar ir-rifużjoni tad-dazju u normalment ikklassifikat bħala bejgħ esportat lokali fir-rekords tal-kontabilità tal-kumpannija. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, u skond il-metodu użat fl-investigazzjoni msemmija fil-premessa (2) (l-"investigazzjoni oriġinali"), dan il-bejgħ ġie eskluż għall-iskop li jiġi kkalkulat il-valur normali għal dik il-kumpannija.

(116) L-istess produttur esportatur fir-Repubblika tal-Korea bbenefika minn programm nazzjonali mfassal sabiex jgħin kumpanniji Koreani f'diffikultajiet finanzjarji, l-hekk imsejjaħ "*work out programme*". Taħt dan il-programm, il-kumpannija kienet kapaċi tittrasforma d-djun f'ekwitajiet, billi inkludiet ammont sinifikanti rrappurtat bħala dħul u b'hekk ibbilanċjat b'mod artifiċjali l-ispejjeż SG&A tal-kumpannija b'mod sinifikanti. Għalhekk kien ikkunsidrat li dan l-ammont m'għandux jitqies bħala dħul ordinarju li għandu jiġi kkunsidrat fil-kalkolu ta' l-SG&A. L-SG&A rrappurtat, inkluż id-dħul artifiċjali, għalhekk ma kienx jirrifletti b'mod raġonevoli l-ispejjeż magħmula fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili. Għalhekk, u skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ma ġiex ikkunsidrat fil-kalkolu ta' l-SG&A.

(117) Il-kumpannija sostniet ukoll qligħ li rriżulta mill-annullament ta' djun mhux imħallsa fil-kalkolu ta' l-SG&A. Peress li dawn id-djun ma kinux relatati mal-prodott ikkonċernat u kienu jirriferu għal benefiċċji taħt il-*work out programme*, ma jirrappreżentawx dħul ordinarju li għandu jiġi kkunsidrat fil-kalkolu ta' l-SG&A. Il-kumpannija sostniet li l-annullament ta' djun mhux imħallsa jseħħ kull sena u għalhekk m'għandux jiġi eskluż mill-kalkolu. Dan imur kontra r-rapporti verifikati tal-kumpannija, li juru li ma sar l-ebda annullament bħal dan fl-aħħar sentejn finanzjarji u li dan kien marbut speċifikament mal-*work out programme*. Għalhekk, l-esklużjoni ta' dan il-qligħ mill-kalkolu ta' l-SG&A nżammet.

(118) Il-kumpannija sostniet li l-aġġustamenti għall-SG&A rriżultaw mill-operazzjonijiet normali tal-kummerċ tagħha u għalhekk ma kellhomx jiġu injorati. Hija ssottomettiet informazzjoni ġdida wara l-iżvelar tal-fatti li, madankollu, uriet li ż-żewġ qligħ li saret referenza għalihom fil-premessi preċedenti ma kinux marbuta mal-prodott ikkonċernat. Barra dan, l-informazzjoni ġdida mhux ivverifikata kkontradixxiet l-informazzjoni miġbura waqt l-investigazzjoni fuq il-post u għalhekk ma setgħetx tiġi aċċettata. Għal din ir-raġuni, it-talbiet marbuta mal-*work out programme* ġew miċħuda.

(119) L-istess produttur esportatur iddikjara dħul għoli mill-assigurazzjoni matul il-PI minħabba nirien f'waħda mil-linji tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat, li seħħu qabel il-PI. Il-kumpannija naqqset dan id-dħul mill-ispejjeż ta' SG&A relatati mal-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat. Mill-banda l-oħra, hija ma kkunsidratx l-ispejjeż magħmula waqt il-PI b'riżultat ta' dawk in-nirien. L-ispejjeż SG&A għalhekk kienu sottovalutati ħafna. Id-dħul mill-assigurazzjoni ntuża biex tiġi installata linja tal-produzzjoni ġdida li ma baqgħetx tipproduċi l-prodott ikkonċernat. Għalhekk kien ikkunsidrat li kwalunkwe spejjeż u dħul li rriżultaw min-nirien kienu jew barra l-PI jew mhux relatati mal-prodott ikkonċernat u għalhekk kellhom jiġu injorati meta jiġu kkalkulati l-SG&A għall-iskop li jiġi kkalkulat il-valur normali.

(120) Wara l-iżvelar tal-fatti, il-kumpannija oġġezzjonat għall-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq fejn sostniet li kienet daħlet fi spejjeż minħabba telf ta' negozju. Madankollu, din it-talba kienet diġà ġiet investigata waqt iż-żjara ta' verifika fuq il-post fejn il-kumpannija naqset milli tippreżenta xi evidenza ta' sostenn li setgħet turi l-parti tad-dħul mill-assigurazzjoni li allegatament kien destinat għat-telf tan-negozju. Din it-talba għalhekk kellha tiġi rifjutata.

9.2 Prezz ta' l-esportazzjoni

(121) Produttur esportatur wieħed informa li fl-investigazzjoni oriġinali, il-kumpannija kellha importatur relatat fil-Komunità. Il-produttur esportatur qal li din is-sitwazzjoni kienet inbidlet, u li l-importatur fil-Komunità, anki jekk kien għadu jeżisti, ma kienx għadu relatat magħhom. Ta' min jinnota li l-importatur kien responsabbli għal ammont sinifikanti mill-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità magħmul mill-produttur esportatur Korean. Din il-kwistjoni kienet eżaminata bir-reqqa sabiex jiġi stabbilit jekk l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku kinitx ġustifikata fil-każ preżenti.

(122) Saret analiżi tal-prezzijiet mitluba lill-importatur relatat mill-produttur esportatur Korean. Instab li dawn il-prezzijiet kienu konsistentement mibjugħa fl-istess livell bħal dawk mitluba lil importaturi mhux relatati matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kien ikkunsidrat li l-prezzijiet bejn il-partijiet relatati kienu normali u affidabbli. Għalhekk, billi l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu affidabbli, ma kienx hemm bżonn li wieħed jirrikorri għad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament Bażiku u biex jikkonkludi dwar ir-relazzjoni bejn il-kumpanniji.

(123) Għalhekk, fil-każ ta' dan il-produttur esportatur, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien ibbażat fuq il-prezz imħallas jew li jrid jitħallas mill-konsumaturi kollha fil-Komunità.

(124) Għaż-żewġ produtturi esportaturi l-oħra, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew li jridu jitħallsu mill-konsumaturi mhux relatati fil-Komunità.

9.3 Tqabbil

(125) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, fejn kien applikabbli u ġustifikat saru konċessjonijiet għad-differenzi fit-tariffi ta' l-importazzjoni u t-taxxi indiretti, id-dazji, it-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, l-ispejjeż ta' l-ippakkjar, it-tariffi tal-banek, l-ispejjeż tal-kreditu u l-kommissjonijiet.

(126) It-tliet produtturi esportaturi kollha għamlu talba għal rifużjoni tad-dazju mħallas fuq il-bażi li t-tariffi ta' l-importazzjoni kien ibatihom il-prodott simili meta jkun intenzjonat għal konsum fil-pajjiż esportatur iżda kienu jingħataw lura meta l-prodott kien jinbiegħ sabiex jiġi esportat lejn il-Komunità. F'kull każ l-ammont mitlub instab li kien ogħla mill-ammont ta' dazju li jeħel il-prodott simili fis-suq domestiku u għalhekk, il-konċessjonijiet ġew aġġustati kif dovut.

(127) Wara l-iżvelar tal-fatti, żewġ kumpanniji oġġezzjonaw għall-metodoloġija applikata fir-rigward ta' l-aġġustament għar-rifużjoni tad-dazju mħallas, sa ċertu punt minħabba li kienet differenti minn dik użata fl-investigazzjoni oriġinali. Huma sostnew li minflok għandha tiġi applikata l-metodoloġija użata fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju.

(128) Il-metodu ta' kalkolu użat mill-kumpanniji, simili għal dak użat fl-investigazzjoni oriġinali, instab li ma kienx jirrifletti l-livell attwali tad-dazji fuq l-importazzjoni li jeħel il-prodott simili. Għalhekk ma kienx skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku u kellu jiġi rifjutat. Il-metodoloġija użata fl-investigazzjoni preżenti kienet kumpatibbli mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(10)(b) billi kienet tirrifletti b'mod korrett il-livell attwali tad-dazji fuq l-importazzjoni li jeħel il-prodott simili u għalhekk kienet ikkunsidrata l-aktar xierqa u b'hekk inżammet.

(129) Barra minn hekk, it-tliet produttur esportaturi kollha sostnew spejjeż tal-kreditu fuq il-bażi tal-perjodu attwali ta' kreditu meħud mill-klijenti taħt is-sistema ta' ħlas ta' "kont miftuħ" użata fis-suq domestiku Korean. Instab li taħt din is-sistema, ġeneralment, il-produttur esportaturi ma kinux jagħtu perijodi speċifiċi ta' kreditu u barra dan, il-perjodi ta' kreditu meħuda ma setgħux jiġu stabbiliti b'mod preċiż, billi l-irċevuti ma setgħux jiġu konnessi ma' fatturi speċifiċi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn il-konċessjonijiet ma setgħux jingħataw.

(130) Wara l-iżvelar tal-fatti, żewġ kumpanniji sostnew li l-fatt li jużaw sistema ta' kont miftuħ mhuwiex fih innifsu raġuni sabiex jiġi rifjutat l-aġġustament għall-ispejjeż tal-kreditu. Madankollu, l-investigazzjoni wriet li ma kien hemm l-ebda relazzjoni konsistenti bejn il-prezzijiet u t-termini tal-kreditu rrappurtati. Il-kumpanniji ma setgħux juru li ġew miftiehma termini speċifiċi ta' kreditu mal-konsumatur qabel il-bejgħ u li dawn kellhom effett fuq il-prezzijiet u l-kumparabbiltà tal-prezzijiet. It-talbiet tal-produttur esportaturi għalhekk kellhom jiġu miċħuda.

(131) Produttur esportatur wieħed talab aġġustament għad-differenzi fil-livell tal-kummerċ jew skond l-Artikolu 2(10)(k) ("fatturi oħra") jew l-Artikolu 2(10)(d)(ii) tar-Regolament Bażiku. Fil-fatt, ġie sostnut li l-bejgħ domestiku sar prinċipalment lil utenti finali, filwaqt li l-bejgħ esportat lejn il-Komunità sar prinċipalment lil distributuri. Għalkemm kien hemm bejgħ lejn livelli differenti tal-kummerċ domestiku (utenti finali u distributuri), il-kumpannija ma kinitx kapaċi tikkwantifika l-aġġustament xieraq. Il-kumpannija sussegwentement sostniet li l-aġġustament għandu jkun ibbażat fuq id-differenza fil-prezzijiet mitluba fis-suq domestiku lill-utenti finali u lid-distributuri. Madankollu, il-kumpannija ma kinitx f'pożizzjoni li turi l-eżistenza ta' tali differenza konsistenti u ċara fil-prezzijiet. Għalhekk, ma kienx possibbli li wieħed jikkonkludi li d-differenza fil-livell tal-kummerċ affettwat il-kumparabbiltà tal-prezzijiet u għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

(132) Produttur esportatur wieħed sostna li aġġustament għad-differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi kien ġustifikat fuq il-bażi tad-differenzi fil-finezza u t-tleqqija bejn it-tipi ta' prodott. Madankollu, il-kumpannija ma setgħetx tipprova li d-differenza fil-finezza u t-tleqqija affettwat il-prezz jew il-kumparabbiltà tal-prezzijiet u għalhekk din it-talba kellha tiġi miċħuda.

9.4 Marġni ta' *dumping*

(133) It-tqabbil tal-valur normali medju mwieżen mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju mwieżen skond it-tip ta' prodott fuq bażi *ex-factory* għal tnejn mill-produtturi esportaturi wera l-eżistenza ta' *dumping*. Barra dan, fir-rigward ta' produttur esportatur wieħed, ta' min jinnota li b'mod ġenerali u bħala medja l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni fl-aħħar xahar tal-PI ("it-tieni perjodu ta' żmien") instab li kienu ogħla minn dawk mitluba fil-perjodu qabel dak ix-xahar ("l-ewwel perjodu ta' żmien"). Filwaqt li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni matul it-tieni perjodu ta' żmien kienu għolja u ġeneralment f'livelli mhux ta' *dumping*, fl-ewwel perjodu kien ipprattikat *dumping* konsiderevoli billi l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu aktar baxxi. Għalhekk, kien hemm mudell ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni li varja b'mod sinifikanti bejn l-ewwel u t-tieni perjodu ta' żmien tal-PI. Barra dan, instab li paragun magħmul fuq bażi ta' medja għal medja ma jirriflettix id-*dumping* konsiderevoli li kien ipprattikat fl-ewwel perjodu ta' żmien tal-PI, billi dak il-metodu ma jippermettix li jittieħdu sewwa in konsiderazzjoni d-differenzi notevoli fil-mudell tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni bejn l-ewwel u t-tieni perjodu ta' żmien tal-PI. Għalhekk, u fid-dawl tal-konklużjonijiet imsemmija taħt il-premessa (134), ġie konkluż li l-valur normali medju mwieżen għandu jiġi pparagunat mal-prezzijiet ta' l-operazzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, sabiex ikun jirrifletti l-livell sħiħ ta' *dumping* li kien ipprattikat.

(134) Għar-raġunijiet stipulati fil-premessa (44) ma kienx possibbli tqabbil tal-valuri normali individwali mal-prezzijiet individwali ta' l-esportazzjoni fuq bażi ta' "operazzjoni ma' operazzjoni". Fil-fatt, peress li l-produttur esportatur ikkonċernat ħareġ biss fattura waħda fix-xahar u għal kull klijent, ma kienx possibbli jinstab tqabbil raġonevoli bejn l-operazzjonijiet individwali ta' l-esportazzjoni u l-operazzjonijiet individwali tal-bejgħ domestiku. Għalhekk, it-tqabbil kien ikun jeħtieġ li jinħadmu medji bejn il-prezzijiet għall-istess xahar (li mbagħad ma jkunx jirrappreżenta tqabbil ta' "operazzjoni ma' operazzjoni"), jew li wieħed jgħaddi għal għażliet arbitrarji tal-prezz ta' l-esportazzjoni li għandu jintgħażel għat-tqabbil.

(135) Il-produttur esportatur li għalih il-valur normali medju mwieżen ġie mqabbel mal-prezzijiet ta' l-operazzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni kkontesta din il-metodoloġija. Fil-fatt, il-kumpannija sostniet li hemm ġustifikazzjoni ekonomika għal dan in-numru limitat ta' operazzjonijiet magħmula bi prezzijiet mhux suġġetti għal *dumping* fl-aħħar xahar tal-PI, u għalhekk mhuwiex ġustifikat li wieħed jikkunsidra li kien jeżisti mudell ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni skond il-perjodu ta' żmien. Madankollu, wieħed irid jinnota li l-ġustifikazzjoni ekonomika ta' dawn il-fatturi - irrispettivament minn jekk tali ġustifikazzjoni hijiex rilevanti jew le f'dan il-kuntest - ma setgħetx tiġi vverifikata mal-klijent finali li ma kkooperax matul l-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-affermazzjoni mill-produttur esportatur li hemm ġustifikazzjoni ekonomika għal dan in-numru limitat ta' operazzjonijiet tikkontradixxi l-informazzjoni pprovduta mill-kumpannija stess, li waqt l-investigazzjoni sostniet li l-kumpens tal-prezz kien sar wara l-PI. Barra dan, il-marġni ta' *dumping* għall-kumpannija fuq bażi ta' medja mwieżna għal medja mwieżna għall-ħdax-il xahar tal-PI (eskluż Diċembru), u għall-ewwel simestru tal-PI, irriżulta f'livelli simili għal dak misjub meta ntużat il-metodoloġija tal-medja mwieżna għall-operazzjoni għall-PI sħiħ. Minħabba dan ta' hawn fuq, il-metodoloġija li tqabbel il-valur normali medju mwieżen mal-prezzijiet ta' l-operazzjonijiet individwali kollha ta' l-esportazzjoni hija xierqa f'dan il-każ.

(136) Għall-kumpanniji li kienu qegħdin jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, il-marġni ta' *dumping* ġie stabbilit fuq il-bażi ta' medja mwieżna tal-marġni ta' *dumping* ikkalkulat għall-kumpanniji magħżula fil-kampjun. Għal dan il-għan, Sung Lim Co., Ltd., li l-marġni ta' *dumping* tagħha huwa *de minimis*, ma ġietx ikkunsidrata, skond l-Artikolu 9(6) tar-Regolament Bażiku.

(137) Il-marġni ta' *dumping* stabbiliti, espressi bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità bid-dazju mhux imħallas, huma li ġejjin:

– Huvis Corporation, Seoul 5,7%,

– Saehan Industries Inc., Seoul 10,6%,

– Sung Lim Co., Ltd., Kumi-si 0,9% (*de minimis)*,

– Kumpanniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun 6,0%

– Il-kumpanniji l-oħrajn kollha 10,6%.

10. Tajwan

(138) Kienu riċevuti tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand iż-żewġ produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun.

(139) Iż-żewġ produtturi esportaturi għall-ewwel issottomettew *data* għall-prodotti kollha li fihom il-poljester. Madankollu, billi r-reviżjoni preżenti tikkonċerna biss fibri diskontinwi sintetiċi tal-poljester, mhux imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor għall-għażil li bħalissa jistgħu jiġu kklassifikati fil-kodiċi NM 5503 20 00 (jiġifieri b'50% jew aktar ta' poljester), il-prodotti kollha li kienu ddikjarati mill-produttur esportatur bħala li fihom anqas minn 50% ta' poljester ġew injorati.

10.1 Valur normali

(140) Għaż-żewġ produtturi esportaturi, il-bejgħ tal-prodott simili kien rappreżentattiv. Fil-parti l-kbira, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew li jridu jitħallsu, matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, minn konsumaturi indipendenti fit-Tajwan, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Bażiku. Madankollu, għal dawk it-tipi ta' prodott fejn il-bejgħ domestiku ma kienx biżżejjed biex jitqies rappreżentattiv jew ma sarx matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, il-valur normali ġie kostruwit skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Bażiku, kif spjegat fil-premessa (34). L-SG&A u l-qligħ kienu bbażati fuq *data* attwali li tikkonċerna l-produzzjoni u l-bejgħ, matul l-andament ordinarju tal-kummerċ, tal-prodott simili, mill-produttur esportatur taħt investigazzjoni, skond ix-*chapeau* ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Bażiku.

10.2 Prezz ta' l-esportazzjoni

(141) Għaż-żewġ produtturi esportaturi, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-prezzijiet attwalment imħallsa minn konsumaturi mhux relatati fil-Komunità skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament Bażiku.

10.3 Tqabbil

(142) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, fejn kien japplika u ġustifikat saru konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjez tat-trasport, assigurazzjoni, immaniġġar, tagħbija u spejjeż anċillari, spejjeż ta' l-ippakkjar, tariffi tal-banek, rifużjonijiet, skonti, spejjeż tal-kreditu u kommissjonijiet.

10.4 Marġni ta' *dumping*

(143) Il-valur normali medju mwieżen għal kull tip ta' PSF ġie mqabbel mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju mwieżen tat-tip korrispondenti, skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament Bażiku, fuq bażi *ex-work* u fl-istess livell ta' kummerċ.

(144) It-tqabbil wera l-eżistenza ta' *dumping* għaż-żewġ produtturi esportaturi Tajwaniżi investigati, il-marġni ta' *dumping* ikun ugwali għall-ammont li bih il-valur normali, hekk stabbilit, qabeż il-prezz għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(145) Il-marġni ta' *dumping* stabbiliti, espressi bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF fil-fruntiera tal-Komunità bid-dazju mhux imħallas huma dawn li ġejjin:

– Nan Ya Plastics Corporation, Tajpej 1,7%,

– Far Eastern Textile Ltd., Tajpej 1,8%.

(146) Billi ż-żewġ marġni ta' *dumping* huma *de minimis*, jiġifieri anqas minn 2%, u skond il-prattika konsistenti tal-Kummissjoni, il-proċediment kontra t-Tajwan għandu jitwaqqaf mingħajr ma jiġu imposti miżuri, jekk iċ-ċirkustanzi li wasslu għal dawn ir-riżultati jitqiesu bħala permanenti.

D. NATURA PERMANENTI TAĊ-ĊIRKUSTANZI MIBDULA U PROBABILITÀ TAT-TKOMPLIJA/RIKORRENZA TAD-*DUMPING* DANNUŻ

1. Ġenerali

(147) Fil-qafas ta' l-evalwazzjoni proviżorja fir-rigward tat-Tajwan u r-Repubblika tal-Korea, ġie eżaminat ukoll jekk iċ-ċirkustanzi mibdula fir-rigward ta' l-investigazzjoni oriġinali dwar id-*dumping* u l-ħsara setgħux raġonevolment jitqiesu li huma ta' natura permanenti skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku.

(148) Barra dan, fir-rigward tat-Tajwan u skond l-Artikolu 11(7) tar-Regolament Bażiku, ġie eżaminat ukoll jekk kienx probabbli li d-*dumping* ikompli jew jerġa' jseħħ jekk il-miżuri jiġu revokati.

2. Repubblika tal-Korea

(149) Kif intqal hawn fuq, l-investigazzjoni preżenti wriet l-eżistenza ta' *dumping* għal tnejn mit-tliet produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun, għalkemm f'livell aktar baxx milli fl-investigazzjoni oriġinali. Rigward it-tielet produttur esportatur, l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, id-*dumping* instab f'livell *de minimis*.

(150) L-analiżi dwar in-natura permanenti taċ-ċirkustanzi mibdula fir-rigward tad-*dumping* qieset il-kapaċità tal-produzzjoni, l-evoluzzjoni tal-volum ta' bejgħ fis-suq domestiku, fis-suq tal-Komunità u fis-suq ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, kif ukoll il-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mibjugħ f'kull wieħed mis-swieq imsemmija tat-tliet produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea magħżulin fil-kampjun, li kienu jirrappreżentaw aktar minn 80% ta' l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-PI.

2.1 Kapaċità tal-produzzjoni

(151) Il-volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat żdied kemmxejn bi 3,5% mill-2001 (il-miżuri kienu imposti f'Diċembru 2000), filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni naqset b'madwar 4%. Għalhekk, l-użu tal-kapaċità laħaq livelli għoljin (89% fl-2001 u 95% waqt il-PI) u l-kapaċitajiet żejda huma baxxi. Il-produtturi esportaturi ma bassru ebda żieda fil-produzzjoni għas-snin li jmiss u wieħed mill-akbar esportaturi tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-PI saħansitra ma baqax jipproduċi l-prodott ikkonċernat wara l-PI.

2.2 Volum tal-bejgħ

(152) Is-suq domestiku baqa' relattivament stabbli matul dawn l-aħħar snin. Għalkemm il-konsum domestiku jista' jonqos minħabba ċaqliq possibbli ta' ċerti faċilitajiet ta' produzzjoni ta' l-utenti tal-PSF barra l-Korea, ebda tibdil sinifikanti u immedjat tas-suq domestiku m'huwa previst. Anki jekk il-konsum tal-PSF fis-suq domestiku jonqos, il-produzzjoni tista' tiġi ttrasferita jew lejn ħjut oħra tal-poljester, li teknikament hija pjuttost faċli li ssir, jew inkella l-prodott ikkonċernat jista' jiġi esportat lejn pajjiżi terzi oħra mingħajr jew b'dazji *anti-dumping* aktar baxxi fis-seħħ milli fis-suq tal-Komunità, jew it-tnejn. Barra minn hekk, il-produtturi Koreani huma kumpanniji pjuttost orjentati lejn l-esportazzjoni li jbiegħu 'l fuq minn 70% tal-produzzjoni ta' PSF tagħhom lil swieq ta' pajjiżi terzi. Minħabba d-dipendenza relattivament żgħira fuq is-suq domestiku, tnaqqis fil-konsum domestiku ma jaffettwax il-qligħ tal-kumpanniji b'mod sinifikanti. Għalhekk, mhux bilfors ikun hemm bżonn urġenti li wieħed jespandi l-bejgħ lejn konsumaturi oħra barra l-Korea billi joffri PSF bi prezzijiet aktar baxxi. Għalhekk, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, wieħed ma jistax jikkonkludi li bidla fid-daqs tas-suq domestiku awtomatikament se twassal għal żieda fl-esportazzjoni ta' PSF lejn il-Komunità bi prezzijiet suġġetti għal *dumping* akbar.

(153) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ esportat lejn pajjiżi terzi oħra, dan kien stabbli matul l-aħħar tliet snin finanzjarji, biex irrappreżenta madwar 68% tal-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat. M'hemmx raġuni biex wieħed jemmen li s-swieq tal-pajjiżi terzi ma jistgħux jassorbu aktar esportazzjoni fil-ġejjieni, b'mod partikolari meta d-domanda għall-PSF qiegħda tiżdied madwar id-dinja kollha minħabba applikazzjoni aktar wiesgħa tal-prodott ikkonċernat, mhux limitat aktar għal applikazzjonijiet ta' l-għażil jew ta' l-insiġ, iżda wkoll dejjem iżjed għal applikazzjonijiet mhux ta' l-insiġ.

(154) Minħabba r-rata għolja ta' użu tal-kapaċità tal-produtturi Koreani, il-kapaċitajiet żejda baxxi kif ukoll is-sitwazzjoni pjuttost stabbli fis-swieq domestiċi u swieq oħra ta' l-esportazzjoni, lanqas m'hu probabbli li tnaqqis fil-livell tal-miżuri *anti-dumping* iwassal għal żieda sinifikanti fl-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità.

2.3 Prezzijiet tal-bejgħ

(155) Ġie eżaminat jekk marġni mnaqqas ta' *dumping* aktarx jistax iwassal għal tnaqqis fil-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li jista' jwassal għal *dumping* akbar. F'dan ir-rigward, billi l-miżuri kienu fis-seħħ u l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità saru f'livell stabbli u sostanzjali minkejja dawn il-miżuri, m'hemm l-ebda indikazzjoni li marġni aktar baxxi ta' *dumping* se jfissru prezzijiet ta' l-esportazzjoni aktar baxxi. Għall-kuntrarju, wieħed jista' jargumenta li d-dazji li jitħallsu mill-importaturi fuq *dumping* aktar baxx joħolqu l-possibilità għall-kumpanniji fil-Korea li jżidu l-prezzijiet tagħhom mingħajr ma jbiddlu l-prezz finali mħallas mill-konsumatur mhux relatat.

2.4 Żvilupp probabbli tal-valur normali

(156) Ebda indikazzjoni ma setgħet tinstab li l-valur normali stabbilit matul l-evalwazzjoni preżenti ma jistax jitqies li huwa ta' natura dejjiema.

(157) Wieħed jista' jargumenta li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima, korrelata ħafna mal-prezzijiet taż-żejt, jista' jkollha influwenza sinifikanti fuq il-valur normali. Madankollu kien ikkunsidrat li peress li l-materja prima huma prodotti neċessarji li l-prezz għalihom jiġi stabbilit internazzjonalment, l-effett taż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima jkollu l-istess effett fuq il-prezz ta' l-esportazzjoni bħal fuq il-valur normali, billi l-atturi kollha fis-suq jiġu affettwati bl-istess mod.

2.5 Konklużjonijiet għar-Repubblika tal-Korea

(158) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq u skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie konkluż li ċ-ċirkustanzi mibdula li wasslu għat-tnaqqis fil-marġni ta' *dumping* setgħu raġonevolment jingħadu li huma ta' natura dejjiema.

(159) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kumpannija li għaliha nstab marġni ta' *dumping de minimis*, ta' min jinnota li din il-kumpannija kienet diġà suġġetta għal dazju *anti-dumping* ta' 0% minn mindu ġew imposti l-miżuri definittivi fl-2000. Madankollu, minkejja l-importazzjonijiet bi prezz baxx b'mod partikolari mir-RPĊ u l-Għarabja Sawdita, li kienu f'kompetizzjoni ma' l-importazzjonijiet Koreani, ma nstab l-ebda *dumping* għal din il-kumpannija fl-evalwazzjoni proviżorja attwali. Għalhekk m'hemmx raġuni biex wieħed jemmen li din il-kumpannija se tbiddel l-imġiba tagħha fl-esportazzjoni b'mod sinifikanti fil-ġejjieni.

(160) Minħabba l-konklużjoni li jeżistu marġni ta' *dumping* aktar baxxi għall-kumpanniji kkonċernati kollha fil-Korea u minħabba li din is-sitwazzjoni mhijiex meqjusa bħala waħda ta' natura qasira, il-miżuri imposti bir-Regolament (KE) Nru 2852/2000 għandhom jiġu emendati kif meħtieġ.

(161) Għall-istess raġunijiet, il-marġni ta' *dumping de minimis* għal Sung Lim Co., Ltd. għandu jiġi kkonfermat.

3. Tajwan

(162) L-analiżi qieset il-kapaċità tal-produzzjoni, l-evoluzzjoni tal-volum ta' bejgħ fis-suq domestiku, fis-suq tal-Komunità u fis-suq ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi (esklużа l-Komunità), kif ukoll il-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mibjugħ f'kull wieħed mis-swieq imsemmija taż-żewġ produtturi esportaturi fit-Tajwan magħżula fil-kampjun, li kienu jirrappreżentaw aktar minn 90% ta' l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-PI.

3.1 Kapaċità tal-produzzjoni

(163) Matul l-aħħar erba' snin finanzjarji l-kapaċità tal-produzzjoni taż-żewġ produtturi esportaturi fit-Tajwan naqset b'madwar 6,5%. Għalkemm l-użu tal-kapaċità huwa globalment ta' 73% biss, dan l-użu tal-kapaċità baqa' stabbli maż-żmien. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, jidher li l-produzzjoni sejra lejn pajjiżi oħra (Vjetnam, Ċina) fejn il-produttività hija aħjar. Għalhekk, anki jekk hemm kapaċità żejda, mhix probabbli żieda fl-esportazzjoni lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati, minħabba li l-kapaċitajiet żejda aktarx li jiġu ttrasferiti lejn pajjiżi terzi oħra.

3.2 Volum ta' bejgħ

(164) Matul l-aħħar tliet snin finanzjarji, is-suq prinċipali għall-prodott ikkonċernat għall-produtturi esportaturi ma kienx il-Komunità, iżda pajjiżi terzi oħra. Il-volumi tal-bejgħ lejn is-suq tal-Komunità xorta kienu għadhom sostanzjali hekk kif ammontaw għal 24% tal-kwantità totali tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat waqt il-PI. Ta' min jinnota, madankollu, li dan il-proporzjon naqas maż-żmien (29% fl-2001). Minkejja l-miżuri fis-seħħ minn pajjiżi terzi oħra (Ċina u Ġappun), l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi naqset b'14% matul l-aħħar tliet snin, u kienet tirrappreżenta 62% tal-kwantità totali tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat matul il-PI.

(165) Il-bejgħ fis-suq domestiku matul l-aħħar tliet snin finanzjarji baqa' stabbli, u kien jirrappreżenta 13,4% tal-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat matul il-PI.

(166) Meta wieħed iqis li l-produtturi esportaturi, għalkemm suġġetti għal miżuri *anti-dumping* f'diversi pajjiżi terzi komplew iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn pajjiżi terzi oħra għajr fil-Komunità, u li komplew iżommu preżenza sostanzjali fis-suq tal-Komunità, m'hemm ebda indikazzjoni ċara li xi kapaċità żejda terġa' tiġi diretta lejn is-suq tal-Komunità jekk il-proċedura kontra t-Tajwan tintemm. F'dan il-kuntest, wieħed jikkonkludi wkoll li t-trasferiment tal-kapaċità tal-produzzjoni lejn pajjiżi terzi mhuwiex marbut ma' l-eżistenza ta' miżuri ta' difiża tal-kummerċ kontra l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan.

3.3 Prezzijiet tal-bejgħ fis-swieq ta' l-esportazzjoni

(167) Sar tqabbil tal-prezz bejn il-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità u għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni.

(168) Instab li għall-figuri globali (li kienu jinkludu t-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat), il-prezzijiet tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat kienu sostanzjalment ogħla (aktar minn 10% għall-aħħar tliet snin finanzjarji) fil-Komunità milli fil-pajjiżi terzi. Madankollu, din id-differenza fil-prezzijiet innotata bejn is-suq tal-Komunità u swieq oħra ta' l-esportazzjoni tista' tiġi spjegata fil-biċċa l-kbira mill-eżistenza ta' dispersjonijiet kbar tal-prezzijiet bejn it-tipi ta' prodotti esportati mill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, peress li l-kwantitajiet esportati lejn il-Komunità minkejja l-eżistenza ta' miżuri *anti-dumping* huma sinifikanti, it-tmiem tal-miżuri jista' saħansitra jagħti marġni lill-esportaturi biex iżidu l-prezz ta' l-esportazzjoni tagħhom.

(169) Fuq din il-bażi, m'hemm ebda indikazzjoni li l-possibbiltà għall-kumpanniji li jnaqqsu l-prezzijiet lejn il-Komunità hija murija mil-livell ta' prezzijiet ipprattikat fi swieq oħra ta' l-esportazzjoni.

3.4 Żvilupp probabbli tal-valur normali

(170) Ma nstabet ebda indikazzjoni li tista' tindika bidla fil-valur normali. Is-suq domestiku baqa' stabbli u s-sitwazzjoni ta' l-ispejjeż b'rabta mas-suq domestiku baqgħet stabbli.

(171) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-influwenza tal-prezzijiet tal-materja prima fuq il-valur normali, il-konklużjonijiet tal-premessa (157) japplikaw ukoll fil-każ tat-Tajwan.

3.5 Konklużjonijiet għat-Tajwan

(172) L-analiżi ta' hawn fuq ma turi l-ebda indikazzjoni li se jerġa' jseħħ *dumping* jekk jiġu revokati l-miżuri.

4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tat-tkomplija/rikorrenza ta' *dumping* (dannuż)

(173) Il-miżuri attwali li hemm fis-seħħ fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea huma aktar minn dak li huwa meħtieġ sabiex jitneħħa l-effett dannuż ta' l-importazzjoni suġġetta għal *dumping*. Wara li ġiet ikkunsidrata l-probabbiltà li d-*dumping* ikompli jew jerġa' jseħħ jekk il-miżuri jiġu tterminati u saret referenza għall-konklużjonijiet dwar l-eżistenza ta' *dumping* minkejja l-miżuri attwalment fis-seħħ kontra r-Repubblika tal-Korea, ġie konkluż li l-miżuri għandhom jiġu emendati u ffissati fil-livelli misjuba fl-evalwazzjoni preżenti.

(174) Il-miżuri attwali li hemm fis-seħħ fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw mit-Tajwan m'għadhomx meħtieġa. Wara li tqies li ma nstab l-ebda element li kien hemm probabbiltà li d-*dumping* kien se jkompli jew jerġa' jseħħ jekk ikunu revokati l-miżuri u wara li saret referenza għall-konklużjonijiet dwar l-eżistenza ta' *dumping* (*de minimis*) li rriżultaw mill-evalwazzjoni preżenti, ġie konkluż li l-proċedura kontra t-Tajwan għandha tintemm mingħajr ma jiġu imposti miżuri.

(175) L-industrija tal-Komunità li qed tilmenta oġġezzjonat għat-tmiem propost tal-proċedura *anti-dumping* kontra l-importazzjonijiet mit-Tajwan. Ġie sostnut li s-suq Tajwaniż kollu kemm hu għandu jiġi analizzat u mhux sempliċement is-sitwazzjoni tal-produtturi esportaturi magħżula fil-kampjun minħabba li l-kumpanniji li mhumiex fil-kampjun huma aktar probabbli li jerġgħu jibdew jesportaw bi prezzijiet suġġetti għal *dumping* jekk il-miżuri jiġu rrevokati. Ġie argumentat li l-kumpanniji li ma ntgħażlux fil-kampjun, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina tagħhom, kienu aktarx li jfittxu li jimmassimizzaw il-likwidità tagħhom billi jżidu l-volum ta' l-esportazzjoni tagħhom (bi prezzijiet suġġetti għal *dumping*) li jista' jiġi kkonfermat ukoll mill-prattika tal-prezzijiet tagħhom fir-rigward ta' l-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti. Ġie sostnut ukoll li, peress li l-kapaċità tal-produzzjoni ta' dawn il-kumpanniji tirrappreżenta madwar 66% tal-konsum tal-Komunità, l-impatt ta' dawn l-esportazzjonijiet ikun sinifikanti.

(176) Huwa nnotat li l-kampjun magħżul kien jirrappreżenta mhux biss 95% ta' l-esportazzjoni tat-Tajwan lejn l-UE, iżda wkoll 43% ta' l-esportazzjoni tat-Tajwan lejn pajjiżi oħra, 71% tal-bejgħ domestiku u 57% tal-produzzjoni domestika ta' PSF u għalhekk kien ampjament rappreżentattiv skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Huwa nnotat ukoll li l-industrija tal-Komunità li qed tilmenta ma qajmet l-ebda oġġezzjonijiet għall-kampjun fi stadju aktar bikri tal-proċediment.

(177) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-possibbiltà tar-rikorrenza ta' *dumping* dannuż, l-industrija tal-Komunità li qed tilmenta bbażat l-argumenti tagħha fuq sempliċement allegazzjonijiet li ma kinux sostanzjati bi provi suffiċjenti. Għalhekk, fir-rigward ta' l-allegazzjoni li hemm probabbiltà kbira li l-kumpanniji mhux inklużi fil-kampjun, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina tagħhom, ser ifittxu li jimmassimizzaw il-likwidità tagħhom billi jżidu l-volum ta' l-esportazzjoni tagħhom lejn l-UE bi prezzijiet suġġetti għal *dumping*, huwa nnotat li l-likwidità tista' tiġi ġġenerata b'diversi modi differenti, apparti ż-żidiet fil-volumi tal-bejgħ, bħalma huma s-self addizzjonali, il-bejgħ ta' setturi tal-kummerċ li ma jħallux qligħ u ż-żieda tal-kapital bil-ħruġ ta' ishma. Bl-istess mod, ebda evidenza konvinċenti ma ġiet ippreżentata fir-rigward tal-prezzijiet allegatament suġġetti għal *dumping* fl-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti. Fl-aħħarnett, l-analiżi ta' l-industrija tal-Komunità li qed tilmenta fir-rigward tal-kapaċità tal-produzzjoni fit-Tajwan ma tikkunsidrax il-possibbiltà ta' tnaqqis tal-kapaċità fit-Tajwan minħabba l-ispostament ta' faċilitajiet tal-produzzjoni Tajwaniżi barra t-Tajwan u l-falliment ta' wieħed mill-produtturi Tajwaniżi.

(178) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni fir-rigward tal-possibilità ta' rikorrenza ta' *dumping* għat-Tajwan qed tinżamm.

E. ĦSARA

1. Definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

(179) Il-produtturi tal-Komunità Ewropea li ġejjin appoġġaw l-ilment:

- Catalana de Polimers, S.A, Spanja

- Dupont Sabanci Polyester GmbH, Ġermanja

- Industrias Químicas Textiles, S.A., Spanja

- Tergal Fibres, S.A., Franza

- Trevira GmbH, Ġermanja

- Wellman International Limited, l-Irlanda

(180) Billi dawn is-sitt produtturi partijiet rimostranti tal-Komunità li qegħdin jikkooperaw jirrappreżentaw 49% tal-produzzjoni Komunitarja tal-prodott ikkonċernat, u billi l-ebda produttur mhux parti rimostranti tal-Komunità ma wera espressament l-oppożizzjoni tiegħu kontra l-bidu tal-proċediment preżenti, huwa meqjus li l-produtturi partijiet rimostranti jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fis-sens ta' l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament Bażiku. Żewġ produtturi mhux partijiet rimostranti pprovdew informazzjoni ġenerali lill-Kummissjoni, iżda ma sostnewx l-ilment.

2. Il-konsum tal-Komunità

(181) Il-konsum tal-Komunità ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi kkonċernati u mill-pajjiżi terzi kollha li huma magħrufa li jipproduċu u jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità, flimkien mal-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Komunità kemm ta' l-industrija Komunitarja kif ukoll ta' produtturi oħra tal-Komunità. Billi tnejn biss mill-għaxar produtturi partijiet rimostranti tal-Komunità ppreżentaw informazzjoni dwar il-bejgħ tagħhom, il-bejgħ tat-tmien produtturi mhux partijiet rimostranti l-oħra ġie kkalkulat b'referenza għad-*data* rrappurtata fl-ilment ippreżentat mill-industrija tal-Komunità. Din id-*data* kienet ikkorroborata minn pubblikazzjonijiet ta' kumpannija indipendenti ta' konsulenza speċjalizzata fis-settur tal-fibri.

(182) Fl-interess tal-konsistenza, intuża l-Eurostat sabiex jiġi stabbilit il-volum ta' importazzjonijiet fuq il-kodiċi NM rilevanti fil-proċedura preżenti. Ta' min jinnota li l-volum ta' importazzjoni rrappurtat mill-produtturi fil-pajjiżi esportaturi kkonċernati kien jaqbel mal-figuri korrispondenti ta' l-Eurostat.

(183) Fuq din il-bażi, il-konsum tal-Komunità kien staġna, billi għadda minn 712 773 tunnellata fl-2000 għal 709 828 tunnellata fil-PI.

Tabella 1

	2000	**2001**	**2002**	**PI**
Il-konsum tal-Komunità (tunnellati)	**712 773**	**661 227**	**729 916**	**709 828**
Indiċi	**100**	**94**	**102**	**99**

3. Importazzjoni ta' PSF mill-pajjiżi kkonċernati

3.1 Akkumulazzjoni

(184) Fir-rigward tat-Tajwan, il-marġni ta' *dumping* misjub ammonta għal anqas minn 2% (ara l-premessi (138) sa (146)). Għalhekk, il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament Bażiku biex ikunu evalwati b'mod kumulattiv l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn dan il-pajjiż ma' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiż l-oħra taħt konsiderazzjoni ma ġewx sodisfatti.

(185) Il-Kummissjoni kkunsidrat aktar fil-fond jekk l-effetti ta' l-importazzjoni ta' PSF li joriġinaw fir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel (minn hawnhekk 'il quddiem: il-"pajjiżi kkonċernati") għandhomx jiġu stmati b'mod kumulattiv skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament Bażiku.

(186) Dan l-Artikolu jipprovdi li l-effetti ta' l-importazzjonijiet minn żewġ pajjiżi jew aktar suġġetti simultanjament għall-istess investigazzjoni għandhom jiġu stmati b'mod kumulattiv meta (i) il-marġni ta' *dumping* stabbilit f'relazzjoni ma' l-importazzjoni minn kull pajjiż ikun aktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament Bażiku, (ii) il-volum ta' importazzjonijiet ta' kull pajjiż ma jkunx negliġibbli u (iii) l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-prodott simili tal-Komunità jagħmlu tali evalwazzjoni adattata

3.1.1 Marġni ta' dumping *u volum ta' l-importazzjonijiet*

(187) Kif indikat hawn fuq, l-investigazzjoni preżenti wriet li l-marġni ta' *dumping* stabbiliti għar-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel huma 'l fuq sewwa mil-livell *de minimis*, u l-volum ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi msemmija mhuwiex negliġibbli fis-sens ta' l-Artikolu 5(7) tar-Regolament Bażiku (is-sehem tagħhom tas-suq jikseb 4,7%, 3,1% u 10% rispettivament matul il-PI).

3.1.2 Kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni

(188) Sabiex jiġi ddeterminat jekk evalwazzjoni kumulattiva hijiex adattata fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-prodott simili tal-Komunità, il-Kummissjoni fil-bidu analizzat l-imġiba tas-suq ta' l-esportaturi f'termini tal-prezzijiet u l-volumi ta' l-esportazzjoni.

(189) Instabet mġiba tas-suq simili għall-produtturi mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel għal dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni. Fil-fatt, il-pajjiżi msemmija naqqsu l-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' l-unità rispettivi tagħhom tal-PSF b'27%, 23% u 15%, matul il-perjodu eżaminat. Barra minn hekk, ġie stabbilit livell simili ħafna ta' bejgħ bi prezz inqas għall-importazzjonijiet tat-tliet pajjiżi kollha kemm huma (ara l-premessa (200)).

(190) Bl-istess mod, it-tliet pajjiżi kollha għandhom ishma tas-suq sinifikanti fis-suq tal-Komunità għalkemm il-Korea t'Isfel hija bil-bosta l-aktar pajjiż esportatur importanti mit-tliet pajjiżi kkonċernati (matul il-PI, 4,7% fil-każ tar-RPĊ, 3,1% fil-każ ta' l-Għarabja Sawdita u 10% fil-każ tal-Korea t'Isfel).

(191) L-investigazzjoni stabbiliet ukoll li l-importazzjonijiet mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel lejn il-Komunità kienu jużaw l-istess kanali tal-bejgħ, billi fil-maġġoranza l-kbira, l-importazzjonijiet imsemmija jiġu negozjati permezz ta' distributuri, pjuttost milli jinbiegħu lill-konsumaturi finali.

(192) Barra dan, kif spjegat fuq (ara l-premessi (22) *et sequitur*), instab li l-prodott ikkonċernat impurtat mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel u dak manifatturat mill-industrija tal-Komunità jaqsmu l-istess karatteristiċi tekniċi, fiżiċi u kimiċi bażiċi, u għandhom jitqiesu bħala l-istess f'termini ta' kemm wieħed jista' jinbidel għall-ieħor u s-sostitwibilità tagħhom, u għalhekk jikkompetu ma' xulxin fuq bażi ta' tip għal tip.

(193) Produttur esportatur wieħed mill-Għarabja Sawdita sostna li l-PSF impurtati mill-pajjiż imsemmi mhumiex f'kompetizzjoni mal-PSF kif manifatturati minn pajjiżi oħra kkonċernati, b'mod partikolari r-RPĊ, u mill-industrija tal-Komunità. Skond is-sottomissjonijiet ta' dan il-produttur, il-produzzjoni ta' l-Għarabja Sawdita tal-PSF hija kkonċentrata esklussivament fil-PSF bażiċi jew regolari, jiġifieri dawk it-tipi ta' prodotti li mhumiex adattati għal applikazzjonijiet speċifiċi, iżda pjuttost għall-użu ġenerali filwaqt li l-produtturi fir-RPĊ u l-produtturi tal-Komunità għandhom il-kapaċità jew fil-fatt jipproduċu l-hekk imsejħa prodotti ta' "speċjalità". Dawn il-prodotti ta' speċjalità tal-PSF normalment jiġu mmarkati u magħmula għal applikazzjonijiet jew użi finali partikolari, bħal fibri li jżommu lura n-nirien, fibri anti-batteriċi jew fibri li ma jitqaxxrux u normalment jeħtieġu riċerka u żvilupp avvanzati. Xi utenti allegaw ukoll li t-tip hekk imsejjaħ "*hollow conjugate*", li l-utenti msemmija kkunsidraw bħala "prodott ta' speċjalità", huwa fornut biss fil-Komunità minn produtturi tal-Korea t'Isfel.

(194) Dawn l-argumenti ma ġewx ikkonfermati mill-investigazzjoni. L-ewwelnett, instab li l-esportazzjonijiet mir-RPĊ jikkonsistu esklussivament minn PSF bażiċi jew regolari. It-tieni, l-esportazzjonijiet ta' PSF mill-Korea t'Isfel mhumiex ikkonċentrati fit-tip "*hollow conjugate*", billi dan ta' l-aħħar jirrappreżenta biss 24% ta' l-esportazzjonijiet totali tal-Komunità Ewropea matul il-PI. Barra minn hekk, skond id-definizzjoni tat-tipi ta' "speċjalità" stipulata hawn fuq, il-PSF tat-tip "*hollow conjugate*" ma jistgħux jitqiesu bħala tip ta' speċjalità. Fil-fatt, inkisbet evidenza teknika li turi li l-produtturi kollha tal-PSF ġeneralment huma kapaċi li jipproduċu PSF tat-tip *hollow conjugate* iżda ħafna minnhom ma jagħmlux dan minħabba li l-produzzjoni m'għadhiex aktar sostenibbli fid-dawl tal-livelli prevalenti tal-prezzijiet. Fl-aħħarnett, għalkemm l-industrija tal-Komunità pproduċiet u biegħet prodotti ta' "speċjalità", il-kummerċ tal-PSF huwa kkonċentrat prinċipalment fis-settur tal-PSF bażiċi jew regolari.

(195) Għalhekk, ġie stabbilit li l-esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi kkonċernati jikkompetu ma' xulxin u mal-PSF manifatturati jew suxxettibbli li jkunu prodotti mill-industrija tal-Komunità.

(196) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ġie konkluż li l-kundizzjonijiet kollha li jiġġustifikaw l-akkumulazzjoni ta' importazzjonijiet ta' PSF li joriġinaw fir-RPĊ, fl-Għarabja Sawdita u fil-Korea t'Isfel ġew sodisfatti.

3.2 Volum akkumulat u sehem tas-suq

(197) L-importazzjonijiet akkumulati i huma l-oġġett ta' *dumping* mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel żdiedu minn 111 905 tunnellata fl-2000 għal 125 633 tunnellata matul il-PI, jiġifieri bi 12%.

(198) L-ishma tas-suq akkumulati żdiedu minn 15,6% fl-2000 għal 17,6% waqt il-PI.

Tabella 2

RPĊ, GĦARABJA SAWDITA U KOREA T'ISFEL	**2000**	**2001**	**2002**	**PI**
Importazzjonijiet (tunnellati)	**111 905**	**89 457**	**120 847**	**125 633**
Indiċi	**100**	**79**	**107**	**112**
Sehem tas-Suq	**15,6%**	**13,5%**	**16,5%**	**17,6%**

3.3 Prezzijiet u tnaqqis fil-prezz

(199) Il-prezz medju mwieżen ta' l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* li joriġinaw mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel niżel bi 18% bejn l-2000 u l-PI.

Tabella 3

RPĊ, GĦARABJA SAWDITA U KOREA T'ISFEL	2000	2001	2002	PI
Prezz medju mwieżen (EUR/kg)	**1,08**	**1,07**	**0,9689**	**0,89**
Indiċi	**100**	**99**	**88**	**82**

(200) Għall-istabbiliment tat-tnaqqis fil-prezzijiet, il-Kummissjoni analizzat *data* li tirriferi għall-PI. Il-prezzijiet tal-bejgħ rilevanti ta' l-industrija tal-Komunità kienu dawk lil konsumaturi indipendenti, aġġustati fejn meħtieġ għal livell *ex-works*, jiġifieri esklużi l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija fil-Komunità u wara li jitnaqqsu l-iskonti u r-rifużjonijiet. Il-prezzijiet għat-tipi differenti ta' prodotti tal-PSF definiti fil-kwestjonarji kienu pparagunati mal-prezzijiet tal-bejgħ mitluba mill-esportaturi, mingħajr skonti , billi ġew applikati l-aġġustamenti neċessarji u ġġustifikati biex il-prezzijiet jinġiebu fil-livelli CIF tal-fruntiera tal-Komunità.

(201) Matul il-PI, il-marġni medju mwieżen tat-tnaqqis fil-prezz kien ta' 16% għall-PRC, 16,8% għall-Għarabja Sawdita u 24% għall-Korea t'Isfel.

4. Definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

4.1 Produzzjoni

(202) Il-produzzjoni fil-volum mill-industrija tal-Komunità naqset b'5% matul il-perjodu eżaminat.

Tabella 4	2000	2001	2002	PI
Produzzjoni (tunnellati)	236 902	229 598	225 290	224 649
Indiċi	100	97	95	95

4.2 Kapaċità tal-produzzjoni u rati ta' użu tal-kapaċità

(203) Il-kapaċità ta' produzzjoni ta' PSF inżammet stabbli matul il-perjodu eżaminat. Fil-fatt, il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet biss minn 271 466 tunnellata fl-2000 għal 277 561 tunnellata fil-perjodu eżaminat. Matul il-PI, il-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tammonta għal 36% tal-konsum totali tal-Komunità.

(204) Ir-rati ta' użu tal-kapaċità naqsu b'sitt punti perċentwali minn 87% għal 81%. Billi l-kapaċità tal-produzzjoni nnifisha ma naqsitx, dan it-tnaqqis fl-użu tal-kapaċità huwa sempliċement dovut għat-tnaqqis fil-volumi ta' produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

Tabella 5	2000	2001	2002	PI
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	**271 466**	**272 561**	**277 561**	**277 561**
Indiċi	**100**	**100**	**102**	**102**
Użu tal-kapaċità	**87%**	**84%**	**81%**	**81%**

4.3 Ħażniet

(205) Matul il-perjodu eżaminati l-ħażniet żdiedu bi 13%. Madankollu, dan mhuwiex meqjus bħala indikazzjoni ta' ħsara billi l-livelli tal-ħażniet jirriflettu l-politika ta' l-industrija tal-Komunità li l-ħażniet jinżammu f'livell bażikament daqs il-produzzjoni ta' xahar.

Tabella 6	2000	2001	2002	PI
Ħażniet (tunnellati)	**20 560**	**22 301**	**21 592**	**23 317**
Indiċi	**100**	**108**	**105**	**113**

4.4 Investmenti

(206) L-istabbiliment ta' l-investimenti kien ibbażat fuq informazzjoni pprovduta minn ħamsa mill-kumpanniji. Is-sitt kumpannija ma pprovdietx informazzjoni affidabbli. Matul il-perjodu eżaminat, il-ħames kumpanniji li pprovdew informazzjoni affidabbli dwar l-investiment għamlu investimenti b'valur ta' EUR 34,5 miljun. Kif jista' jidher fit-tabella 7 hawn taħt, l-investimenti kellhom tendenza ta' żieda għajr fl-2002, meta naqsu meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Madankollu, instab li dawn l-investimenti kienu jikkonsistu kważi esklussivament f'sostituzzjonijiet. Parti prinċipali mill-investimenti kienet relatata direttament mal-manifattura tal-prodott ikkonċernat. Wieħed biss mill-produtturi ta' l-industrija tal-Komunità għamel investimenti sinifikanti f'impjant ta' riċiklaġġ li jipprovdi materja prima (*polyethylene terephthalate* – PET – trofof) għall-proċess ta' produzzjoni tal-PSF.

(207) Huwa kkunsidrat li l-livell u n-natura ta' l-investimenti (l-aktar sostituzzjonijiet) huma baxxi għal industrija li tuża kapital kbir.

Tabella 7	**2000**	**2001**	**2002**	**PI**
Investmenti (EUR) (5 kumpanniji minn 6)	**4 325 661**	**12 850 473**	**5 833 264**	**11 522 994**
Indiċi	**100**	**297**	**132**	**238**

4.5 Bejgħ u sehem tas-suq

(208) Il-bejgħ ta' PSF mill-industrija tal-Komunità fil-Komunità Ewropea naqas b'6% mill-2000 sal-PI. Billi l-konsum tal-Komunità żdied bi 11% matul il-perjodu eżaminat, din iż-żieda fil-bejgħ sarrfet f'telf ta' ishma tas-suq. B'mod partikolari, is-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità għadda minn 31% għal 29% matul il-PI.

Tabella 8	**2000**	**2001**	**2002**	**PI**
Bejgħ fil-KE (tunnellati)	**220 695**	**213 322**	**211 609**	**206 926**
Indiċi	**100**	**97**	**96**	**94**
Sehem tas-suq	**31%**	**32%**	**29%**	**29%**

4.6 Prezzijiet

(209) Il-prezz tal-bejgħ għal kull unità ta' l-industrija tal-Komunità naqas bi 8% matul il-perjodu eżaminat. Kif jidher fit-tabella 9 hawn taħt, dan it-tnaqqis seħħ wara l-2001, u ħabat maż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-tnaqqis konsiderevoli tal-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet.

Tabella 9	**2000**	**2001**	**2002**	**PI**
Prezz medju mwieżen (EUR/kg)	**1,48**	**1,49**	**1,38**	**1,36**
Indiċi	**100**	**101**	**93**	**92**

4.7 Qligħ

(210) Il-qligħ medju mwieżen fuq il-fatturat nett ta' l-industrija tal-Komunità naqas minn 4,4% fl-2000 għal -3,2% matul il-PI.

Tabella 10	2000	2001	2002	PI
Qligħ medju mwieżen fuq il-fatturat nett	**4,4%**	**1,2%**	**-2,9%**	**-3,2%**

4.8 Likwidità u qligħ fuq l-assi netti

(211) Il-likwidità naqset matul il-perjodu eżaminat minn EUR 25 687 824 fl- 2000 għal EUR 12 178 328 matul il-PI.

(212) Il-qligħ fuq l-assi netti kien ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn ħamsa mill-kumpanniji. Is-sitt kumpannija ma pprovdietx informazzjoni affidabbli. Madankollu l-qligħ globali tagħha fuq id-*data* ta' l-assi netti segwa l-istess tendenza bħal dik li nstabet għall-prodott ikkonċernat fil-ħames kumpanniji l-oħra. L-informazzjoni pprovduta wriet tnaqqis drammatiku fil-qligħ fuq l-assi netti matul il-perjodu eżaminat. Fil-fatt, dan għadda minn 51,1% fl-2000 għal -8,5% fil-PI.

Tabella 11	2000	2001	2002	PI
Likwidità (EUR)	**25 687 824**	**17 843 711**	**14 511 142**	**12 178 328**
Indiċi	**100**	**70**	**56**	**47**
Redditu mwieżen fuq l-assi netti (5 minn 6 kumpanniji)	**51,1%**	**19,9%**	**47,4%**	**-8,5%**

4.9 Kapaċità ta' tkabbir tal-kapital

(213) Xi kumpanniji jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom fi ħdan il-grupp finanzjarju li minnu jiffurmaw parti jew permezz ta' skemi ta' ġbir ta' fondi jew permezz ta' self fi ħdan il-grupp mogħti mill-kumpanniji prinċipali. F'każijiet oħra, il-likwidità ġġenerata mill-kumpannija tintuża bħala sors ta' finanzjament. Oħrajn żiedu l-ekwità tagħhom billi daħlu fi strutturi ta' intrapriża kapitali ma' entitajiet finanzjarji, li f'ċerti każijiet komplew jiffinanzjaw lill-kumpanniji parteċipanti tagħhom permezz ta' self mill-azzjonisti.

(214) Fuq din il-bażi, il-biċċa l-kbira tal-kumpanniji ta' l-industrija tal-Komunità ma wrewx diffikultajiet kbar biex iżidu l-kapital. Madankollu, waħda mill-kumpanniji vverifikati sabet problemi serji biex tiffinanzja l-attivitajiet tagħha, kemm fid-dejn u anki fl-ekwità.

4.10 Impjiegi u pagi

(215) L-impjiegi fl-industrija tal-Komunità naqsu b'7% matul il-perjodu eżaminat. Fil-fatt, l-industrija tal-Komunità naqqset l-impjegati tagħha b'84 ħaddiem. Fir-rigward tal-pagi, waħda mill-kumpanniji ma pprovdietx informazzjoni affidabbli għas-sena 2000. Għas-snin l-oħra inklużi fil-perjodu eżaminat, il-pagi totali żdiedu b'5%, li kien ferm inqas miż-żieda medja matul il-perjodu eżaminat ta' l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur għall-erba' pajjiżi fejn tinsab l-industrija tal-Komunità (jiġifieri 9,1%).

Tabella 12	**2000**	**2001**	**2002**	**PI**
Impjegati	**1 270**	**1 223**	**1 227**	**1 186**
Indiċi	**100**	**96**	**97**	**93**
Salarju medju mwieżen (EUR/sena) (5 minn 6 kumpanniji fl-2000)	**31 993**	**40 340**	**41 054**	**42 430**
Indiċi		**100**	**102**	**105**

4.11 Produttività

(216) Il-produttività għas-suq totali kienet stabbli matul il-perjodu eżaminat, billi naqset biss bi 2% mill-2000 sal-PI. Dan l-istaġnar fil-produttività jirrifletti l-livell baxx ta' investimenti mwettqa mill-industrija tal-Komunità (fil-kwalità u fil-kwantità, ara l-premessi (206) *et sequitur*).

Tabella 13	**2000**	**2001**	**2002**	**PI**
Produttività (tunnellati/impjegat)	**195**	**195**	**190**	**192**
Indiċi	**100**	**100**	**97**	**98**

4.12 Tkabbir

(217) B'mod ġenerali, għandu jiġi nnutat li l-ishma tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità naqsu b'żewġ punti perċentwali, li juri li t-tkabbir tagħha baqa' lura meta mqabbel mal-livell dejjem jonqos tal-konsum tas-suq globali (li naqas b'1%).

4.13 Daqs tal-marġni ta' *dumping* u rkuprar minn *dumping* preċedenti

(218) Rigward l-impatt fuq l-industrija tal-Komunità tad-daqs tal-marġni attwali ta' *dumping*, minħabba l-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel, dan ma jistax jitqies bħala negliġibbli.

(219) Mill-banda l-oħra, huwa kkunsidrat li ż-żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* mir-RPĊ u l-Għarabja Sawdita lejn il-Komunità flimkien ma' l-evoluzzjoni mhux sodisfaċenti f'termini tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni mill-Korea t'Isfel ma ppermettewx l-irkuprar mistenni ta' l-industrija tal-Komunità mill-effetti tad-*dumping* preċedenti.

5. Konklużjoni dwar il-ħsara

(220) Il-volumi ta' importazzjoni mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel żdiedu b'mod konsiderevoli, kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini ta' sehem tas-suq. Fil-fatt, matul il-perjodu eżaminat, dawn akkwistaw 2 punti perċentwali fis-sehem tas-suq. Barra minn hekk, il-prezz medju mwieżen ta' l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi naqas bi 18% fuq il-perjodu eżaminat. Dan it-tnaqqis huwa rifless fit-tnaqqis sinifikanti tal-prezzijiet li nstab.

(221) Ħafna mill-indikaturi tal-ħsara għall-industrija tal-Komunità wrew evoluzzjoni negattiva matul il-perjodu eżaminat, li jindika sitwazzjoni ta' ħsara materjali: filwaqt li l-konsum Komunitarju totali ta' PSF staġna, il-bejgħ totali fil-volum ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'6%, b'telf korrispondenti fl-ishma tas-suq ta' 2 punti perċentwali; il-produzzjoni fil-volum naqset; il-kapaċità tal-produzzjoni staġnat u l-użu tal-kapaċità naqas b'6%; il-prezz medju tal-bejgħ għal kull unità naqas bi 8%; il-qligħ fuq il-fatturat nett ta riżultati negattivi, fejn naqas b'7,6 punti perċentwali matul il-perjodu eżaminat; indikaturi oħra relatati mal-qligħ bħalma huma l-likwidità u l-qligħ fuq l-assi netti wkoll iddeterjoraw matul il-perjodu eżaminat; l-impjiegi u l-produttività naqsu b'7% u 2% rispettivament. L-iżviluppi pożittivi fl-investimenti u l-pagi ma jpoġġux f'dubju l-istampa ġenerali ta' ħsara għall-industrija tal-Komunità hekk kif il-livelli ta' investimenti kienu baxxi għal industrija bħal din li tuża kapital kbir u hekk kif iż-żieda fil-pagi bażikament ikkumpensat għall-inflazzjoni matul il-perjodu eżaminat.

(222) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, l-industrija tal-Komunità tinsab f'qagħda ekonomika u finanzjarja prekarja u sofriet ħsara materjali fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku.

F. KAWŻALITÀ

1. Introduzzjoni

(223) Skond l-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament Bażiku, ġie eżaminat jekk il-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Komunità kinitx ikkawżata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, skond l-Artikolu 3(7) tar-Regolament Bażiku, ġew eżaminati fatturi magħrufa oħra li setgħu għamlu ħsara lill-industrija tal-Komunità, apparti l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping*, sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe ħsara kkawżata minn dawk il-fatturi ma ġiex attribwit b'mod żbaljat lill-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping*.

2. Effett ta' l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping*

(224) Matul il-perjodu eżaminat, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu bi 12% f'termini ta' volum, u b'żewġ punti perċentwali f'termini ta' sehem tas-suq. Il-prezzijiet tal-prodotti impurtati li joriġinaw fir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel naqsu bi 18% u waqqgħu b'mod konsiderevoli l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità b'16%, 16,8% u 24% rispettivament.

(225) Iż-żieda fil-volum ta' importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel u ż-żieda tagħhom fis-sehem tas-suq, bi prezzijiet li baqgħu 'l isfel sewwa minn dawk ta' l-industrija tal-Komunità, ħabtet fl-istess żmien mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(226) Il-volum tal-bejgħ u l-ishma tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità naqsu. Il-volum tal-bejgħ naqas b'6% u l-ishma tas-suq naqsu b'żewġ punti perċentwali. It-telf fis-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità ttieħed kompletament mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel.

(227) It-tnaqqis tal-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità seħħ b'mod parallel max-xejra ta' tnaqqis kontinwu tal-prezzijiet għall-prodott ikkonċernat impurtat mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel. B'mod partikolari, il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità bdew jonqsu wara l-2001, fl-istess żmien meta l-prezzijiet medji ta' l-importazzjoni mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u l-Korea t'Isfel naqsu (ara l-premessi (199) u (209), u t-tabelli 3 u 9 rispettivament). L-effett ta' trażżin tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping* seta' għalhekk jiġi stabbilit b'mod ċar.

(228) Il-qligħ ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'mod drammatiku mill-bidu tal-perjodu eżaminat u kien negattiv fl-2002 u matul il-PI. It-telf ta' l-industrija tal-Komunità mill-2002 'il quddiem ħabat maż-żieda fl-importazzjonijiet ta' PSF mill-pajjiżi kkonċernati bi prezzijiet partikolarment baxxi. Ta' min jinnota wkoll li wieħed mill-produtturi ta' l-industrija tal-Komunità wera li l-qligħ tiegħu fuq il-fatturat nett għall-hekk imsejħa prodotti bażiċi jew regolari, jiġifieri fejn l-industrija tal-Komunità hija esposta l-aktar għall-kompetizzjoni mill-pajjiżi kkonċernati, iddeterjora fi grad akbar mill-qligħ li jinkludi t-tipi kollha ta' prodotti tal-PSF immanifatturati minn dan il-produttur.

(229) Iż-żieda progressiva fil-volumi ta' importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati bi prezzijiet suġġetti għal *dumping* ħabtet ukoll ma' l-evoluzzjoni negattiva ta' indikaturi oħra li juru s-sitwazzjoni dannuża ta' l-industrija tal-Komunità, bħalma huma l-iżvilupp mhux favorevoli ta' l-impjiegi, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità.

(230) Fuq il-bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, wieħed jikkonkludi li l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati kellhom rwol determinanti fid-deterjorament tal-qagħda ta' l-industrija tal-Komunità.

3. Effett ta' fatturi oħra

3.1 Żvilupp tal-konsum

(231) Kif issemma' fil-premessa (183), mill-2000 sal-PI, il-konsum fis-suq tal-Komunità baqa' stabbli. Għalhekk, dan ma jistax ikun sors ta' ħsara.

3.2 Nuqqas ta' investimenti mill-industrija tal-Komunità

(232) L-industrija li timxi mal-kurrent skond l-industriji kbar argumentat ripetutament li l-industrija tal-Komunità naqset milli tinvesti fi proċess modernizzat ta' produzzjoni u għalhekk hija (jew għallinqas parzjalment) responsabbli għas-sitwazzjoni dannuża tagħha. Fil-fatt, kif indikat fil-premessa (207), huwa kkunsidrat li l-livell u n-natura ta' l-investimenti (il-biċċa l-kbira sostituzzjonijiet u manutenzjoni) huma baxxi għal industrija li tuża kapital kbir.

(233) Madankollu, minħabba ċ-ċirkustanzi deskritti, fil-premessa (202) u wara, l-industrija tal-Komunità ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel investimenti ġodda sostanzjali. Kif jista' jidher mill-analiżi magħmula f'din is-sezzjoni, ma nstabet l-ebda ċirkustanza oħra għajr l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping* li kellhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-industrija tal-Komunità. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-livelli insuffiċjenti ta' investiment m'għandhomx jitqiesu bħala l-kawża tal-ħsara iżda pjuttost bħala effett addizzjonali ta' l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping*.

3.3 Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra

(234) Matul il-PI, il-PSF ġie impurtat ukoll mill-Istati Uniti, it-Turkija, il-Ġappun, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, in-Niġerja u l-Afrika t'Isfel. Fl-analiżi dwar jekk l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra setgħux għamlu ħsara lill-industrija tal-Komunità, ġew inklużi wkoll l-importazzjonijiet mit-Tajwan. Kif issemma' fil-premessa (145), l-importazzjonijiet mit-Tajwan saru f'livelli ta' *dumping* de minimis matul il-PI.

(235) Il-volumi ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra żdiedu kemmxejn minn 133 798 tunnellata fl-2000 għal 137 123 tunnellata matul il-PI. Din iż-żieda żgħira, flimkien mal-konsum stabbli ta' PSF ġiet tradotta f'ishma tas-suq staġnati għall-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi għajr dawk ikkonċernati (19% fl-2000 u matul il-PI).

(236) Barra minn hekk, skond *data* tal-Eurostat u *data* vverifikata fuq il-post, għall-PI, il-prezzijiet medji mwieżna tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-bqija tal-pajjiżi esportaturi prinċipali (1,25 EUR/kg.) kienu f'livell simili ħafna għall-prezzijiet medji mwieżna ta' l-industrija tal-Komunità. Għalhekk, ġie konkluż li dawn l-importazzjonijiet ma setgħux ikkawżaw xi dannu għall-industrija tal-Komunità.

(237) Xi produtturi esportaturi allegaw li l-esportazzjonijiet Torok lejn il-Komunità jsiru bi prezzijiet suġġetti għal *dumping* li setgħu kkontribwew għas-sitwazzjoni dannuża ta' l-industrija tal-Komunità.

(238) Il-maġġoranza kbira ta' l-importazzjonijiet ta' PSF Torok fil-Komunità huma distribwiti minn waħda mill-kumpanniji partijiet rimostranti, li hija relatata mal-produttur esportatur Tork. Madankollu, inkisbet evidenza li x-xiri tal-PSF mill-kumpannija parti rimostranti mingħand il-kumpannija relatata tagħha Torka sar skond il-valur tas-suq u kien immirat sabiex jissupplimenta l-firxa ta' prodotti tal-produttur tal-Komunità in kwistjoni f'perjodi ta' domanda intensiva tas-suq. Barra minn hekk, dawn l-importazzjonijiet ma kinux ikkawżati minn xi proġetti ta' investiment abbandunati jew ittardjati li setgħu pprovokaw tnaqqis fil-kapaċità ta' produzzjoni tal-kumpannija relatata tal-Komunità. Ġie vverifikat ukoll li l-bejgħ mill-ġdid ta' PSF ta' oriġini Torka mill-importatur relatat tal-Komunità sar fl-istess livell ta' prezz bħall-prodotti manifatturati u mibjugħa minn tali kumpannija relatata u ma waqqax il-prezzijiet medji tal-kumpanniji l-oħra ta' l-industrija tal-Komunità.

3.4 Produtturi Komunitarji mhux partijiet rimostranti

(239) Il-produtturi Komunitarji mhux partijiet rimostranti tal-prodott ikkonċernat kellhom sehem fis-suq ta' 31,5% matul il-PI. Matul il-perjodu eżaminat, il-volum tal-bejgħ tagħhom naqas b'7% u s-sehem tas-suq tagħhom niżel b'żewġ punti perċentwali.

(240) Barra minn hekk, skond informazzjoni disponibbli, hemm indikazzjonijiet li l-prezzijiet medji tal-produtturi mhux partijiet rimostranti huma fl-istess livell bħall-prezzijiet medji tal-produtturi partijiet rimostranti. Dan jissuġġerixxi li huma qegħdin f'sitwazzjoni simili għall-industrija tal-Komunità, jiġifieri li sofrew ħsara mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping*. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż li produtturi Komunitarji oħra kkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità.

3.5 Varjazzjoni fil-prezzijiet tal-materja prima

(241) Il-prezz tal-materja prima huwa parti sostanzjali mill-prezz totali tal-produzzjoni ta' PSF (madwar 60% tal-prezz totali tal-produzzjoni). Minħabba f'hekk, il-prezzijiet tal-PSF jiddependu ħafna fuq l-effett tal-prezzijiet tal-materja prima.

(242) Il-produzzjoni ta' l-hekk imsejħa PSF verġni ssir minn derivattivi taż-żejt (l-aktar *mono ethylene glycol* - MEG - u aċidu tereftaliku purifikat - PTA -). Fi grad anqas, iżda li qiegħed jiżdied, l-industrija tal-Komunità timmanifattura l-hekk imsejjaħ PSF riġenerat minn materjali riċiklati (*polyethylene terephthalate* – PET – fliexken u skart ieħor). Fl-aħħarnett, il-PSF jista' jsir minn taħlita taż-żewġ tipi ta' materja prima, derivattivi taż-żejt u skart PET riċiklat.

(243) Il-prezzijiet tal-MEG u tal-PTA, bħala derivattivi taż-żejt, jiddependu fuq il-varjazzjonijiet fil-prezz ta' dan ta' l-aħħar. Kif instab fiż-żjarat ta' verifika, l-evoluzzjoni tal-prezz tal-materjal riċiklat hija normalment marbuta mal-varjazzjoni fil-prezzijiet tal-MEG u tal-PTA.

(244) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, xi produtturi esportaturi sostnew li l-ħsara li allegatament sofriet l-industrija tal-Komunità kienet ikkawżata mill-varjazzjonijiet fil-prezz tal-materja prima, b'mod partikolari ż-żieda madwar id-dinja kollha fil-prezz taż-żejt.

(245) F'dan ir-rigward, skond informazzjoni pprovduta minn produtturi tal-materja prima, instab li mill-2002 sat-tmiem tal-PI, il-prezzijiet tal-MEG u tal-PTA żdiedu b'14% u 13% rispettivament. Madankollu, din iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima ma kinitx riflessa f'żieda tal-prezz medju tal-PSF mibjugħ mill-industrija tal-Komunità (ara l-premessa (209) hawn fuq), minkejja l-fatt li l-fibri huma prodotti sensittivi għall-prezzijiet. Għall-kuntrarju, il-prezzijiet tal-produtturi ta' l-UE naqsu kemmxejn matul l-istess perjodu. Filwaqt li l-manifatturi tal-prodott ikkonċernat ta' pajjiżi terzi jistgħu jkunu wkoll mistennija li jkollhom żidiet simili fil-prezzijiet għall-*inputs* prinċipali bbażati fuq iż-żejt bħalma huma l-MEG u l-PTA, instab li l-prezzijiet ta' l-importazzjoni ta' PSF mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'mod sinifikanti matul l-istess perjodu. Instab li l-produtturi tal-Komunità ma setgħu jgħaddu l-ebda żidiet fil-prezz tal-materja prima lill-klijenti tagħhom minħabba l-kompetizzoni mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping*.

(246) Barra minn hekk, kwalunkwe impatt possibbli tal-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-materja prima fuq il-prezzijiet tal-PSF x'aktarx jaffettwa kemm l-industrija tal-Komunità kif ukoll lill-esportaturi li jinsabu fil-pajjiżi kkonċernati, billi ż-żejt huwa prodott bi prezz omoġenju madwar id-dinja kollha. Għalhekk, it-talba ta' hawn fuq ġiet miċħuda.

3.6 Varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju

(247) Ingħatat attenzjoni għall-varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju bejn l-EURO u l-USD. Il-maġġoranza kbira ta' l-operazzjonijiet ta' importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati lejn il-Komunità Ewropea jiġu nnegozjati fil-USD. Il-valur ta' l-EURO għola fil-konfront ta' l-USD minn nofs l-2002, u b'mod sinifikanti matul il-PI, biex b'hekk iffavorixxa l-esportazzjonijiet lejn iż-żona EURO għal dak il-perjodu. Minħabba f'hekk, xi partijiet interessati sostnew li f'kummerċ "immexxi mid-dollaru", id-deprezzament ta' din il-munita fil-konfront ta' l-EURO "inevitabbilment" iffavorixxa l-importazzjoni tal-PSF fil-Komunità Ewropea.

(248) Fil-każ partikolari tal-PSF, l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra għajr dawk li nstabu li qegħdin jipprattikaw *dumping*, gawdew ukoll mill-żieda fil-valur ta' l-Euro. Madankollu, il-volumi tagħhom staġnaw matul il-perjodu eżaminat (saħansitra naqsu kemmxejn mis-sena 2000 sal-PI), filwaqt li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi li jipprattikaw *dumping* żdiedu matul l-istess perjodu bi 12%. Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn ma jistax jiġi eskluż li ż-żieda fil-valur ta' l-EURO fil-konfront ta' l-USD seta' ffavorixxa l-importazzjoni ta' PSF mill-pajjiżi kkonċernati, il-fatt li l-varjazzjonijiet fil-munita ma kellhomx effett fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, jindika li dan ma jistax jitqies bħala fattur li kkawża ż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati.

(249) Barra minn hekk, kwalunkwe allegazzjoni li ż-żieda fil-valur ta' l-EURO fil-konfront ta' l-USD ikkawżat il-ħsara għall-industrija tal-Komunità għandha tkun valida biss għall-perjodu li matulu seħħet din iż-żieda fil-valur, jiġifieri minn nofs l-2002 sat-tmiem tal-PI, u b'mod partikolari matul dan ta' l-aħħar, meta d-differenzi bejn iż-żewġ muniti kienu aktar aċċentwati.

(250) Għalhekk, ġie konkluż li, għalkemm iż-żieda fil-valur ta' l-EURO fil-konfront ta' l-USD setgħet iffavorixxiet l-esportazzjonjiet tal-PSF lejn il-Komunità Ewropea, dan ma jispjegax iż-żieda sinifikanti fil-volumi ta' importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati kif imqabbla mal-bqija ta' l-importaturi dinjin.

4. Konklużjoni dwar il-kawżalità

(251) Il-koinċidenza fiż-żmien bejn, fuq naħa waħda, iż-żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati, iż-żieda fl-ishma tas-suq u l-inżul fil-prezzijiet misjub u, fuq in-naħa l-oħra, id-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, iwasslu għall-konklużjoni li l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping* huma kawża tal-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Komunità. B'mod partikolari, instabet evoluzzjoni kronoloġika parallela tal-prezzijiet medji dejjem jonqsu ta' l-importazzjonijiet u l-prezzijiet medji mrażżna mill-industrija tal-Komunità. Dan wassal għal tnaqqis fil-qligħ għas-sena 2002 u l-PI, jiġifieri meta l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu l-aktar u l-prezzijiet naqsu bl-aktar mod drammatiku, li pproduċa riżultati negattivi.

(252) Wara li ġew analizzati xi fatturi, bħall-iżvilupp tal-konsum, l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra mhux dawk ikkonċernati, l-imġiba tas-suq tal-produttur mhux partijiet rimostranti u l-livell baxx ta' investiment imwettaq mill-industrija tal-Komunità, huwa konkluż li dawn ma setgħux ikkawżaw ħsara materjali lill-industrija tal-Komunità. Mill-banda l-oħra, għalkemm ma jistax jiġi eskluż li fatturi oħra, bħall-varjazzjoni fil-prezzijiet tal-materja prima u l-varjazzjonijiet fil-munita setgħu kkontribwew għas-sitwazzjoni dannuża ta' l-industrija tal-Komunità, l-effett tal-fatturi msemmija mhuwiex tali li jibdel il-konklużjoni li hemm rabta kawżali ġenwina u sostanzjali bejn l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati u l-ħsara materjali mġarrba mill-industrija tal-Komunità.

G. INTERESS TAL-KOMUNITÀ

1. Kumment preliminari

(253) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku, ġie kkunsidrat jekk l-impożizzjoni ta' miżuri *anti-dumping* tkunx kuntrarja għall-interessi tal-Komunità kollha kemm hi. L-istabbiliment ta' l-interess tal-Komunità kien ibbażat fuq eżami ta' l-interessi varji kollha involuti, jiġifieri dawk ta' l-industrija tal-Komunità, ta' l-importaturi, tal-kummerċjanti u ta' l-utenti tal-prodott ikkonċernat.

(254) Sabiex jiġi stmat l-impatt probabbli ta' l-impożizzjoni jew in-nuqqas ta' impożizzjoni tal-miżuri ġiet mitluba informazzjoni mill-partijiet interessati kollha li kienu jew magħrufa li huma kkonċernati jew li għamlu lilhom infushom magħrufa. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-industrija tal-Komunità, 10 produtturi Komunitarji oħra, 23 utent u 3 fornituri tal-materja prima. Is-sitt produtturi ta' l-industrija tal-Komunità li għamlu ilment, 2 produtturi mhux partijiet rimostranti, 5 importaturi relatati, 15-il utent u 2 fornituri tal-materja prima wieġbu għall-kwestjonarju[1].

(255) Fil-bidu tal-proċeduri kienu magħrufa 31 importatur mhux relatati. Minħabba n-numru kbir ta' importaturi mhux relatati u b'mod konformi ma' l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku, il-Kummissjoni ddeċidiet li twettaq l-investigazzjoni tagħha fuq il-bażi ta' kampjun ta' l-imsemmija importaturi mhux relatati. Il-kampjun ġie magħżul fuq il-bażi ta' l-akbar volum rappreżentattiv ta' l-importazzjonijiet konċernati li seta' jiġi raġonevolment investigat fiż-żmien disponibbli.

---

1 Wieħed mill-produtturi mhux kwerelanti li kkooperaw wera li l-produzzjoni totali tiegħu ta' PSF ma tinbiegħx lis-suq miftuħ iżda lil kumpanniji relatati, bħala captive sales.

(256) Għal dak il-għan, ħames kumpanniji kienu inizjalment magħżula għall-kampjun, fuq il-bażi tal-volum ta' importazzjonijiet tagħhom mill-pajjiżi kkonċernati. Waħda mill-ħames kumpanniji magħżula kienet sussegwentement ġiet ikkunsidrata li ma kinitx qed tikkoopera, peress li naqset milli timla l-kwestjonarju sħiħ mibgħut lilha u mbagħad ma ġietx meqjusa aktar bħala parti mill-kampjun. L-erba' kumpanniji l-oħra magħżula fil-kampjun kienu jkopru 14,6% ta' l-importazzjonijiet totali konċernati. Il-kampjun finali kien jikkonsisti mill-kumpanniji li ġejjin:

- S.I.M.P., SpA, Italja

- Highams Group Ltd., Renju Unit

- Tob Herman Industries, N.V., Belġju

- Marubeni Europe plc, Hamburg Branch, Ġermanja

(257) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar id-*dumping*, dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u dwar il-kawżalità, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Komunità li jiġu imposti miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. Industrija tal-Komunità

(258) L-industrija tal-Komunità ġarrbet ħsara materjali, kif stabbilit fil-premessi (202) *et sequitur*.

(259) L-impożizzjoni ta' miżuri *anti-dumping* tippermetti lill-industrija tal-Komunità li tilħaq il-livelli ta' qligħ li kienet tkun kapaċi tikseb fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping*, u li tieħu vantaġġ mill-iżviluppi fis-suq tal-Komunità. Dan jiggarantixxi l-vijabilità tal-kummerċ tal-PSF ta' l-industrija tal-Komunità.

(260) Fil-fatt, għalkemm l-industrija tal-Komunità rnexxielha tiżviluppa swieq speċjalizzati importanti fis-settur tal-PSF ta' valur miżjud ogħla jew ta' speċjalità, irid jiġi enfasizzat li l-kummerċ prinċipali għall-industrija tal-Komunità jibqa' fil-fibri regolari kemm għal applikazzjonijiet ta' l-insiġ kif ukoll mhux ta' l-insiġ, setturi fejn l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati huma dejjem aktar preżenti u l-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità hija l-aktar esposta għal kompetizzjoni inġusta.

(261) Il-fibri ta' speċjalità jiġġeneraw marġni għoljin iżda jinbiegħu biss fi kwantitajiet limitati. Sabiex jiġi massimizzat l-użu tal-kapaċità u jiġu koperti l-ispejjeż fissi tal-produzzjoni, l-industrija tal-Komunità teħtieġ il-bejgħ ta' fibri regolari jew bażiċi f'volumi kbar. Għal din ir-raġuni, l-impożizzjoni ta' dazji għandha tiggarantixxi l-vijabilità tal-produzzjoni ta' PSF regolari jew bażiċi, kif ukoll it-tkomplija tal-produzzjoni ta' PSF ta' valur miżjud ogħla, li tiddependi bil-kbir fuq il-vijabilità tal-PSF bażiċi. Ta' min jinnota li l-fornitur ewlieni ta' prodotti speċjalizzati fuq livell dinji hija l-industrija tal-Komunità nnifisha, u tali materjal ta' valur miżjud għoli ma jistax jinġieb mill-pajjiżi kkonċernati fil-proċediment preżenti. Għalhekk, huwa kkunsidrat li l-impożizzjoni ta' miżuri tkun fl-interess ta' l-industrija tal-Komunità.

3. Impatt fuq l-utenti u l-importaturi

(262) Kif indikat fil-premessi (254) u (256), il-Kummissjoni rċeviet 15-il risposta għall-kwestjonarju minn utenti, 4 kwestjonarji sħaħ minn importaturi mhux relatati magħżula għall-kampjun u 5 minn importaturi relatati. Barra minn hekk, tliet assoċjazzjonijiet ta' l-utenti ssottomettew informazzjoni u allegazzjonijiet lill-Kummissjoni fejn talbu t-tmiem tal-proċedura preżenti mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri.

(263) L-utenti tal-prodott ikkonċernat jappartjenu għas-settur tat-tessuti. Is-suq tal-PSF huwa maqsum fil-konsum ta' l-għażil (jiġifieri l-manifattura ta' filamenti għall-produzzjoni tat-tessuti, wara li jitħallat jew le ma' fibri oħra bħalma huma l-qoton jew is-suf), il-konsum ta' prodotti mhux minsuġa (jiġifieri l-manifattura ta' folji u rombli li ma jkunux ġew maħduma fi ħjut u li huma marbuta ma' xulxin bi frizzjoni, u/jew koeżjoni, u/jew twaħħil, għajr il-karta), u l-konsum tal-mili (jiġifieri l-mili jew l-ikkuttunar ta' ċerti prodotti tessili, bħal per eżempju l-kuxxini jew is-siġġijiet tal-karrozzi). Ħafna mill-utenti li kkooperaw f'dan il-proċediment huma produtturi ta' prodotti mhux minsuġa. L-imsemmija utenti huma membri ta' waħda mit-tliet assoċjazzjonijiet ta' l-utenti li kkooperaw f'dan il-proċediment, li tirrappreżenta l-industrija ta' prodotti mhux minsuġa fuq livell Ewropew[1]. B'referenza għall-informazzjoni dwar ix-xiri rrappurtat fir-risposti tagħhom għall-kwestjonarji, l-utenti li kkooperaw waqt il-PI jirrappreżentaw madwar 5% tal-konsum Komunitarju totali ta' PSF u madwar 13% ta' l-importazzjonijiet totali mill-pajjiżi kkonċernati. L-utenti u l-importaturi indikaw numru ta' argumenti kontra l-impożizzjoni ta' dazji.

(264) L-ewwelnett, l-industrija li timxi mal-kurrent skond l-industriji kbar allegat li s-suq Komunitarju tal-PSF jiddependi sostanzjalment fuq fornituri esterni tal-prodott ikkonċernat (il-produtturi Ewropej jistgħu l-aktar l-aktar jissodisfaw madwar 60% tad-domanda tas-suq ta' PSF). F'dan il-kuntest, f'termini ta' kapaċità u ishma tas-suq miżmuma fil-Komunità, tnejn mill-pajjiżi taħt investigazzjoni, jiġifieri t-Tajwan u l-Korea t'Isfel, huma l-aktar fornituri importanti tal-PSF madwar id-dinja kollha. Għalhekk, il-livell tad-dazji *anti-dumping* bilfors jaffettwa aspetti essenzjali ta' l-interess tal-Komunità.

---

1 Huwa stmat li l-konsum ta' prodotti mhux minsuġa ta' PSF mill-Komunità jirrappreżenta madwar 25% tal-konsum totali tas-suq tal-PSF għall-PI.

(265) L-utenti tal-PSF sostnew ukoll li huma joperaw f'suq sensittiv ħafna għall-prezzijiet u li anki żieda żgħira fil-prezz ma tistax tiġi mgħoddija lill-konsumatur finali minħabba l-kompetizzjoni diġà qalila fis-suq tal-prodott finali (eż. imħaded, tessuti, eċċ), b'mod partikolari minn pajjiżi ta' l-Ażja tax-Xlokk u ċ-Ċina. Dawn il-pajjiżi diġà jbigħu bi prezzijiet baxxi ħafna u ħafna produtturi tat-tessuti Ewropej kienu mġiegħla jispostaw għallanqas parzjalment is-siti tal-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi terzi.

(266) Barra minn hekk, numru ta' utenti tal-PSF sostnew li xi tipi tal-prodott ikkonċernat (l-hekk imsejħa prodotti tat-tip *hollow conjugate*) mhumiex manifatturati fil-Komunità u mhux se jiġu manifatturati mill-produtturi tal-Komunità fil-futur qarib minħabba n-nuqqas tat-tagħmir tekniku meħtieġ. Dawn it-tipi ta' PSF għalhekk iridu jiġu impurtati (l-hekk imsejħa prodotti tat-tip hollow conjugate, manifatturati primarjament fil-Korea t'Isfel).

(267) Fl-aħħarnett, l-industrija li timxi mal-kurrent skond l-industriji kbar, għall-kuntrarju ta' l-industrija tal-PSF, tħaddem ħafna ħaddiema. Kif suġġerit minn xi partijiet interessati, in-numru ta' impjegati fl-industrija li timxi mal-kurrent skond l-industriji kbar huwa ferm ogħla milli fl-industrija tal-PSF li tuża kapital kbir. Bħala eżempju, l-industrija Ewropea ta' prodotti mhux minsuġa għandha forza tax-xogħol diretta ta' 16 000 persuna, meta mqabbel ma' 1 180 persuna impjegati mill-industrija tal-PSF. Kif irrappurtat mill-produtturi mhux ta' l-insiġ, il-PSF jirrappreżentaw bħala medja 40% tal-prezz totali tal-produzzjoni tal-prodott manifatturat minnhom. Kien allegat li l-impożizzjoni tad-dazji tista' twassal għal telf ta' impjiegi jew għat-trasferiment tal-faċilitajiet ta' manifattura barra l-pajjiż.

(268) Rigward l-allegata dipendenza tas-suq tal-Komunità fuq fornituri esterni, huwa kkunsidrat li, filwaqt li d-dazji kontra importazzjonijiet mir-RPĊ u l-Għarabja Sawdita qegħdin f'livell medju ta' 27%, dawn il-pajjiżi kellhom biss 7% mis-sehem tas-suq matul il-PI. Mill-banda l-oħra, huwa propost li jiġu rrevokati l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet mit-Tajwan u li jitnaqqsu d-dazji attwalment applikabbli fuq l-importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel. Huwa sottolinjat li matul il-PI, bil-livell attwali ta' miżuri (ara l-premessa (3)), it-Tajwan u l-Korea t'Isfel kellhom 19% tas-sehem tas-suq. Min-naħa l-oħra, kif irrappurtat minn ditta ta' konsulenza prestiġjuża għas-suq tal-fibri, produtturi ewlenin tal-PSF f'pajjiżi mhux suġġetti għad-dazji *anti-dumping* (prinċipalment l-Istati Uniti, il-Messiku, it-Turkija u l-Afrika t'Isfel) kellhom kapaċità żejda matul il-PI li tammonta għal madwar 50% tal-konsum totali tal-Komunità. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi diġà għandhom sehem importanti mis-suq tal-Komunità, u laħqu 5,3% matul il-PI.

(269) Għalhekk, minkejja l-introduzzjoni proposta ta' dazji kontra r-RPĊ u l-Għarabja Sawdita, u wara li jitqies it-tmiem tal-miżuri kontra t-Tajwan u t-tnaqqis ta' dawk applikabbli fuq il-Korea t'Isfel, l-utenti tal-Komunità xorta se jkunu jistgħu jistrieħu fuq (jew jaqilbu għal) fornituri importanti tal-prodott ikkonċernat, bħall-Korea t'Isfel jew fuq fornituri prinċipali oħra f'pajjiżi mhux suġġetti għal dazji *anti-dumping*, fosthom it-Tajwan.

(270) Rigward l-allegata inkapaċità ta' l-utenti tal-PSF li jittrasferixxu kwalunkwe żidiet fil-prezz li jirriżultaw mill-impożizzjoni ta' dazji *anti-dumping*, fil-każ partikolari ta' l-utenti li kkooperaw (li huma kważi esklussivament produtturi ta' prodotti mhux minsuġa) li jġibu l-prodott ikkonċernat mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita, il-Korea t'Isfel u t-Tajwan, u meta wieħed jikkunsidra (i) li r-rata medja tad-dazju *anti-dumping* għar-RPĊ u l-Għarabja Sawdita tammonta għal 34,6%, filwaqt li l-pajjiżi msemmija matul il-PI kellhom 7,8% tas-suq; (ii) li r-rata medja ta' dazju li għandha tiġi imposta fuq l-importazzjonijiet mill-Korea t'Isfel tnaqqas ir-rata medja tad-dazju introdott kontra dan il-pajjiż permezz tar-Regolament (KE) Nru 2852/2000 b'żewġ punti perċentwali u li l-miżuri kontra t-Tajwan għandhom jintemmu; (iii) li l-Korea t'Isfel u t-Tajwan okkupaw flimkien 19,3% tas-sehem tas-suq tal-Komunità matul il-PI u (iv) li l-importanza tal-PSF fil-prezz tal-produzzjoni tal-prodotti lesti ta' l-utenti li kkooperaw (ta' prodotti mhux minsuġa) ġiet stabbilita, bħala medja, għal 40% ta' l-ispejjeż, iż-żieda fuq il-prezz tal-produzzjoni fuq l-industrija li timxi mal-kurrent skond l-industriji kbar li kkooperat, b'konsegwenza tal-miżuri li għandhom jiddaħħlu, tkun ta' madwar 0,40%.

(271) Jekk, kif allegat mill-utenti, huma ma jkunux jistgħu jgħaddu tali żieda fil-prezz tal-produzzjoni tagħhom lill-klijenti tagħhom, l-impatt fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom ma jkunx wieħed sinifikanti. Huwa kkunsidrat ukoll li dan l-impatt baxx fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija ta' l-iskala aktar baxxa għandu jevita kull effett negattiv fil-forza tax-xogħol ta' din l-industrija.

(272) Instab ukoll li, minkejja l-eżistenza ta' miżuri *anti-dumping* u/jew ta' kumpens fuq madwar 50% ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi terzi kollha, il-konsum tas-suq fis-settur mhux ta' l-insiġ tas-suq żdied matul il-perjodu eżaminat. Skond informazzjoni pprovduta mill-assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-produtturi Ewropej ta' prodotti mhux minsuġa, dan is-settur żied il-produzzjoni tiegħu b'madwar 17% fil-perjodu mill-2000 sa l-2002.

(273) Instab ukoll li l-PSF tat-tip *hollow conjugate* jista' fil-fatt jiġi prodott ukoll mill-industrija tal-Komunità li għandha l-kompetenza teknika u l-makkinarju meħtieġ. Kif diġà ssemma, dan il-prodott bħalissa mhuwiex fornut mill-industrija tal-Komunità minħabba l-pressjonijiet qawwija tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijet li huma l-oġġett ta' *dumping*. Fi kwalunkwe każ, il-miżuri attwali kontra r-Repubblika tal-Korea, li hija l-fornitur prinċipali ta' materjal tat-tip *hollow conjugate*, huma, bħala medja, imnaqqsa.

(274) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, u meta wieħed iqis il-livell tal-miżuri adottati u t-tmiem tal-proċedura kontra t-Tajwan, huwa konkluż li dan mhux se jimplika deterjorament, jekk xejn, tas-sitwazzjoni ta' l-utenti u ta' l-importaturi tal-prodott ikkonċernat.

4. Impatt fuq il-forniturі tal-materja prima

(275) Żewġ forniturі ta' materja prima kkooperaw fil-proċedura preżenti billi ssottomettew risposta għall-kwestjonarju. Dawn huma industriji petrokimiċi li jfornu lill-industrija tal-PSF bil-PTA u l-MEG. Iż-żewġ kumpanniji appoġġaw espressament l-impożizzjoni tad-dazji. Madankollu, minn perspettiva ta' l-interess tal-Komunità, il-pożizzjoni ta' dawn il-kumpanniji trid titqiegħed f'perspettiva mal-fatt li l-bejgħ tagħhom ta' materja prima lill-industrija tal-PSF jirrappreżenta parti minima tal-fatturat tagħhom u għalhekk, l-impożizzjoni jew le tal-miżuri ma tbiddilx konsiderevolment is-sitwazzjoni finanzjarja jew ekonomika tagħhom.

5. Konsiderazzjonijiet ambjentali

(276) Kif indikat fuq, il-PSF jistgħu jkunu ta' tip verġni, magħmulin minn derivattivi tal-petrol (MEG u PTA), ta' tip riġenerat, magħmulin minn fliexken tal-PET u skart ieħor, jew ta' taħlita taż-żewġ tipi, jew derivattivi tal-petrol jew riċiklati. Il-Kummissjoni sabet li matul il-PI, l-industrija tal-Komunità użat madwar 60% ta' materja prima verġni u 40% ta' materja prima riċiklata għall-produzzjoni tal-PSF. L-industrija tal-Komunità qiegħda tikkunsidra li żżid progressivament l-ammont ta' materja prima riċiklata li tintuża għall-produzzjoni tal-PSF. Fil-fatt, tnejn mill-kumpanniji ta' l-industrija tal-Komunità inkorporaw linji ta' riċklaġġ fis-siti tal-produzzjoni tagħhom. Kumpannija oħra qiegħda taħseb biex tinkorpora linja ta' riċiklaġġ simili matul l-2004 u l-2005.

(277) L-Artikolu 6 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("it-Trattat") jikkunsidra l-protezzjoni ambjentali bħala politika jew attività komuni sabiex jinkisbu l-miri stipulati fl-Artikolu 2 tat-Trattat, fosthom l-iżvilupp sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi. F'dan il-qafas, il-Komunità kkunsidrat il-prevenzjoni ta' l-iskart u l-immaniġġar ta' l-iskart bħala waħda mill-ogħla prijoritajiet tagħha.

(278) B'mod partikolari, il-Komunità daħħlet leġislazzjoni dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ[1]. Wieħed mill-prinċipji li fuqu hija bbażata din il-leġislazzjoni huwa l-prinċipju tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid: jekk l-iskart mill-imballaġġ ma jistax jiġi evitat, għandhom jiġu rkuprati kemm jista' jkun mill-materjali, preferibbilment b'metodi ta' riċiklaġġ. F'dan il-kuntest, il-Komunità Ewropea dan l-aħħar stabbiliet li sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008 għandha tintlaħaq mira minima ta' riċiklaġġ ta' 22,5% tal-materjal tal-plastik li jinsab fl-iskart mill-imballaġġ[2].

---

1 Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10). Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2004/12/KE (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 26).

2 Ara l-Artikolu 6.1 tad-Direttiva 94/62/KE.

(279) Instab li l-industrija tal-PSF tal-Komunità kkunsmat 70% tar-riċiklaġġ ta' fliexken tal-PET matul il-PI, biex kienet ampjament l-utent finali prinċipali ta' dan l-iskart mill-imballaġġ.[1] Minn din l-informazzjoni, jidher li r-riċiklaġġ ta' skart mill-imballaġġ tal-PET fl-Ewropa jiddependi b'mod sinifikanti fuq l-industrija tal-PSF, billi hija l-aktar konsumatur importanti tiegħu.

(280) Il-Kummissjoni tqis li l-impożizzjoni ta' dazji għandha tikkontribwixxi sabiex tiggarantixxi l-vijabilità ta' settur industrijali li, bħala l-konsumatur prinċipali tiegħu, jokkupa pożizzjoni ċentrali fir-riċiklaġġ ta' skart mill-imballaġġ tal-PET.

(281) Il-konklużjoni t'hawn fuq mhijiex modifikata mill-fatt li l-industrija tar-riċiklaġġ tal-Komunità tesporta wkoll skart tal-PET lejn ir-RPĊ, kif sottomess minn xi partijiet interessati. Fil-fatt, instab li l-maġġoranza kbira ta' skart mill-imballaġġ tal-PET jiġi kkunsmat minn produtturi ta' PSF tal-Komunità.

6. Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità

(282) Wara li kienu kkunsidrati l-fatturi kollha msemmija hawn fuq, huwa proviżorjament konkluż li m'hemmx raġunijiet konvinċenti biex ma jiġux imposti miżuri *anti-dumping*.

H. TMIEM TAL-PROĊEDIMENT FIL-KONFRONT TAT-TAJWAN

(283) Minħabba l-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (143) *et sequitur*, il-miżuri *anti-dumping* attwalment fis-seħħ kontra t-Tajwan m'għadhomx iġġustifikati. Skond l-Artikolu 11 flimkien ma' l-Artikolu 9 tar-Regolament Bażiku, fejn, wara konsultazzjoni, ma jkunux meħtieġa miżuri protettivi u ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mqajma fi ħdan il-Kumitat konsultattiv, l-investigazzjoni jew il-proċediment għandhom jintemmu.

---

[1] Użi finali oħra huma r-riċiklaġġ minn flixkun għal flixkun, li juża 11% tal-fliexken tal-PET miġbura, il-folji tal-poljester, li jużaw 7,5% u l-irbit, li juża 7,6%.

(284) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tkomplija tal-miżuri protettivi attwalment fis-seħħ kontra t-Tajwan mhijiex meħtieġa u li l-proċediment għandu jintemm.

I. MIŻURI *ANTI-DUMPING*

1. Livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara

(285) Il-livell tal-miżuri *anti-dumping* għandu jkun suffiċjenti biex jelimina l-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Komunità mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* mingħajr ma jaqbeż il-marġni ta' *dumping* misjub. Meta kien qed jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jitneħħew l-effetti tad-*dumping* dannuż, ġie kkunsidrat li kwalunkwe miżura għandha tippermetti lill-industrija tal-Komunità li tkopri l-ispejjeż tagħha u tikseb qligħ globali qabel it-taxxa li jista' raġonevolment jinkiseb taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping*. Huwa kkunsidrat li fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping*, l-industrija tal-Komunità għandha tiġġenera qligħ qabel it-taxxi ta' 5%, livell meqjus xieraq fl-ilment ippreżentat mill-industrija tal-Komunità. Fin-nuqqas ta' informazzjoni kuntrarja, dan il-livell ta' qligħ għal darba oħra kien meqjus bħala xieraq.

(286) Iż-żieda neċessarja fil-prezz imbagħad ġiet iddeterminata fuq il-bażi ta' tqabbil, fuq l-istess livell ta' kummerċ, tal-prezz medju mwieżen ta' l-importazzjoni, kif stabbilit għall-kalkoli tat-tnaqqis fil-prezz, mal-prezz mhux dannuż għall-prodott simili mibjugħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità.

(287) Il-prezz mhux dannuż ġie miksub bl-aġġustament tal-prezz tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità biex jirrifletti l-marġni ta' qligħ imsemmi hawn fuq ta' 5%. Kwalunkwe differenza li rriżultat minn dan it-tqabbil imbagħad ġiet espressa bħala perċentwali tal-valur totali ta' l-importazzjoni CIF.

2. Miżuri definittivi

(288) Fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq, huwa kkunsidrat li, skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Bażiku, għandu jiġi impost dazju *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ, l-Għarabja Sawdita u r-Repubblika tal-Korea, fil-livell ta' l-anqas dannu jew marġni ta' *dumping* misjuba.

(289) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju huma kif ġejjin:

Pajjiż	Kumpannija	**BAŻI GĦAD-DAZJU *ANTI-DUMPING* (%)**
Repubblika Popolari taċ-Ċina	Cixi Jiangnan Chemical Fiber Co.Ltd. Sanbei Town Industry Area, Cixi City, Zhejiang Province	26,3
	Far Eastern Industries (Shanghai) Ltd. 31-33F, Baoan Tower, No 800, Dongfang Road, Pudong New District, 200122, Shanghai	4,9
	Hangzhou An Shun Pettechs Fibre Industry Co. Ltd. No.37, East Avenue, Fu-Yang Town, Hangzhou, Zhejiang Province	18,6
	Deqing An Shun Pettechs Fibre Industry Co.Ltd. No.9, Cangqian Road, Chengguan Town Deqing County	18,6
	Kunshan An Shun Pettechs Fibre Industry Co.Ltd No.78, Huting Road, Bacheng Town, Kunshan, Jiangsu Province	18,6
	Jiangyin Changlong Chemical Fiber Co.Ltd Houxiang Industrial Zone, Changjing, Jiangsu 214411	24,6
	Xiake Color Spinning Co.Ltd No.39, East Street, Mazhen, Jiangyin, Jiangsu 214406	49,7
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	49,7

Għarabja Sawdita	National Polyester Fibers Factory P.O. Box 42185, Riyadh 11541	20,9
	Saudi Basic Industries Corporation (Sabic) P.O. Box 5101, Riyadh 11422	20,9
	Arabian Industrial Fibres Company (Ibn Rushd) P.O.Box 30701, Yanbu Al-Sinaiyah 21447	20,9
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	20,9
Repubblika tal-Korea	Huvis Corporation 151-7, Samsung-dong, Gangnam-gu, Seoul	5,7
	Saehan Industries Inc 254-8, Kongduk-dong, Mapo-ku, Seoul	10,6
	Sung Lim Co., Ltd. RM 911, Dae-Young Bldg, 44-1, Youido-Dong, Youngdungpo-ku, Seoul	0
	Dongwoo Industry Co. Ltd. 729, Geochon-Ri, Bongwha-up, Bongwha-Kun, Kyoungsangbuk-do	6,0
	East Young Co. Ltd. Bongwan #202, Gumi Techno Business Center, 267 Gongdan-Dong, Gumi-si, Kyungbuk, Korea	6,0
	Estal Industrial Co. 845 Hokye-dong, Yangsan-City, Kyungnam	6,0
	Geum Poong Corporation 62-2, Gachun-Ri, Samnam-Myon, Ulju-Ku, Ulsan-shi	6,0
	Keon Baek Co. Ltd. 1188-3, Shinsang-Ri, Jinryang-Eup, Kyungsan-si, Kyungbuk-do	6,0
	Samheung Co. Ltd. 557-12, Dongkyu-Ri, Pochon-Eub Pochon-Kun, Kyungki-do	6,0
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	10,6

(290) Ir-rati tad-dazju *anti-dumping* tal-kumpanniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tal-konklużjonijiet mill-investigazzjoni preżenti. Dan għalhekk jirrifletti s-sitwazzjoni misjuba waqt dik l-investigazzjoni fir-rigward tal-kumpanniji msemmija. Dawn ir-rati ta' dazju (għall-kuntrarju tad-dazju madwar il-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpanniji l-oħra kollha") huma għalhekk applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott li joriġina fil-pajjiżi kkonċernati u manifatturat mill-kumpanniji korrispondenti u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Prodotti impurtati manifatturati minn xi kumpannija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament b'isimha u l-indirizz, inklużi entitajiet relatati mal-kumpannija msemmija b'mod speċifiku, ma jistgħux jibbenefikaw minn din ir-rata u għandhom ikunu suġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpanniji l-oħra kollha".

(291) Kwalunkwe pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju *anti-dumping* tal-kumpanniji individwali (eż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew bejgħ) għandha tiġi indirizzata lill-Kummissjoni[1] flimkien ma' l-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe bidla fl-attivitajiet tal-kumpannija marbuta mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u esportat assoċjat, per eżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, għandha tipproponi l-emenda tar-Regolament kif meħtieġ billi taġġorna l-lista tal-kumpanniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

---

[1] Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali Kummerċ
J-79 05/16
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B-1049 Brussell.

3. Garanziji

(292) Produttur esportatur wieħed li kkoopera fl-Għarabja Sawdita offra garanzija ta' prezz skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Bażiku. Madankollu, il-prezzijiet minimi oriġinarjament offruti minn dan il-produttur esportatur ma eliminawx l-effett dannuż tad-*dumping*. L-istess jgħodd għal offerta riveduta li kienet riċevuta minn dik il-kumpannija. Barra minn hekk, l-istruttura tal-bejgħ ta' din il-kumpannija fil-Komunità hija tali li ma tippermettix monitoraġġ effettiv tal-garanzija. L-offerta għalhekk kellha tiġi rifjutata.

(293) Żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi offrew garanzija, li kienet appoġġjata minn assoċjazzjoni ta' l-utenti. Madankollu, din l-offerta ma setgħetx tiġi aċċettata għax kienet tkun tfisser l-eżenzjoni ta' ċertu volum ta' importazzjonijiet mill-miżuri definittivi u għalhekk ma kinitx tkun adegwata biex tneħħi l-ħsara kkawżata lill-industrija tal-Komunità. B'mod alternattiv, dawn l-esportaturi offrew ukoll prezz minimu applikabbli għall-importazzjonijiet kollha fil-Komunità iżda f'livell li ma eliminax l-effett dannuż tad-*dumping*. L-offerti għalhekk kellhom jiġu rifjutati. Aktar minn hekk, ma setax ikun aċċettat li jiġu stabbiliti prezzijiet minimi differenti għal tipi differenti ta' prodotti li mhux faċli li jintgħarfu malli jiġu impurtati. Dan jirrendi l-impenn li jiġu rrispettati l-prezzijiet minimi faċli biex wieħed jaħrab minnu. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-kontabilità ta' l-esportaturi ma kinitx miżmuma skond *standards* internazzjonali tal-kontabilità, li jagħmel il-monitoraġġ ta' garanzija partikolarment diffiċli.

(294) Produttur esportatur ieħor Ċiniż, li la ngħata MES u lanqas IT, ippropona garanzija li biha l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tiegħu lejn il-Komunità jiżdiedu. Apparti l-fatt li ż-żieda offruta fil-prezz ma kinitx telimina d-*dumping* dannuż stabbilit, hija l-prattika tal-Kummissjoni li ma taċċettax garanziji minn kumpanniji li ma ngħataw la MES u lanqas IT billi ma tista' tiġi stabbilita l-ebda determinazzjoni individwali ta' *dumping* f'każijiet bħal dawn. Fuq din il-bażi, l-offerta ta' garanzija minn dan il-produttur esportatur kellha tiġi miċħuda.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv *anti-dumping* b'dan qed jiġi impost fuq l-importazzjoni ta' fibri essenzjali sintetiċi tal-poljester, mhux imqardxa, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor għall-għażil, li

jaqgħu taħt il-kodiċi NM 5503 20 00, u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Għarabja Sawdita.

2. Ir-rata ta' dazju applikabbli għall-prezz nett fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, għal prodotti magħmula mill-manifatturi segwenti għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	**Manifattur**	**Rata ta' dazju (%)**	**Kodiċi addizzjonali Taric**
Repubblika Popolari taċ-Ċina	Cixi Jiangnan Chemical Fiber Co.Ltd. Sanbei Town Industry Area, Cixi City, Zhejiang Province	26,3	A590
	Far Eastern Industries (Shanghai) Ltd. 31-33F, Baoan Tower, No800, Dongfang Road, Pudong New District, 200122, Shanghai	4,9	A591
	Hangzhou An Shun Pettechs Fibre Industry Co. Ltd. No.37, East Avenue, Fu-Yang Town, Hangzhou, Zhejiang Province Deqing An Shun Pettechs Fibre Industry Co.Ltd. No.9, Cangqian Road, Chengguan Town Deqing County Kunshan An Shun Pettechs Fibre Industry Co.Ltd No.78, Huting Road, Bacheng Town, Kunshan, Jiangsu Province	18,6	A592
	Jiangyin Changlong Chemical Fiber Co.Ltd Houxiang Industrial Zone, Changjing,	24,6	A595

	Jiangsu 214411		
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	49,7	A999

Għarabja Sawdita	National Polyester Fibers Factory P.O. Box 42185, Riyadh 11541	20,9	A597
	Saudi Basic Industries Corporation (Sabic) P.O. Box 5101, Riyadh 11422 Arabian Industrial Fibres Company (Ibn Rushd) P.O.Box 30701, Yanbu Al-Sinaiyah 21447	20,9	A598
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	20,9	A999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ rigward id-dazji doganali għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Il-parti tat-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2852/2000 li tikkonċerna r-rati ta' dazju definittivi *anti-dumping* li huma applikabbli fuq l-importazzjoni ta' fibri diskontinwi sintetiċi tal-poljester, mhux imqardxa, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor għall-għażil, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 5503 20 00 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

Ir-Repubblika tal-Korea	**Manifattur**	**Rata ta' dazju (%)**	**Kodiċi addizzjonali Taric**
	Huvis Corporation 151-7, Samsung-dong, Gangnam-gu, Seoul	5,7	A151
	Saehan Industries Inc 254-8, Kongduk-dong, Mapo-ku, Seoul	10,6	A599
	Sung Lim Co., Ltd. RM 911, Dae-Young Bldg, 44-1; Youido-Dong, Youngdungpo-ku; Seoul	0	A154
	Dongwoo Industry Co. Ltd. 729, Geochon-Ri, Bongwha-up, Bongwha-Kun, Kyoungsangbuk-do	6,0	A608
	East Young Co. Ltd. Bongwan #202, Gumi Techno Business Center, 267 Gongdan-Dong, Gumi-si, Kyungbuk	6,0	A609
	Estal Industrial Co. 845 Hokye-dong, Yangsan-City, Kyungnam	6,0	A610
	Geum Poong Corporation 62-2, Gachun-Ri, Samnam-Myon, Ulju-Ku, Ulsan-shi	6,0	A611
	Keon Baek Co. Ltd. 1188-3, Shinsang-Ri, Jinryang-Eup, Kyungsan-si, Kyungbuk-do	6,0	A612
	Samheung Co. Ltd. 557-12, Dongkyu-Ri, Pochon-Eub Pochon-Kun, Kyungki-do	6,0	A613
	Il-kumpanniji l-oħrajn kollha	10,6	A999

Artikolu 3

Il-proċedura *anti-dumping* fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' fibri sintetiċi tal-poljester li joriġinaw mit-Tajwan hija b'dan mitmuma.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Marzu 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
L. LUX